KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ippreżentati fl-1 ta' Marzu 2007 [1]

1. Permezz ta' dan l-appell, Common Market Fertilizers SA (iktar 'il quddiem l-"appellanti" jew "CMF") titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-27 ta' Settembru 2005, Common Market Fertilizers vs Il-Kummissjoni [2] (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata") li permezz tagħha ġie miċħud ir-rikors għal annullament ippreżentat mill-istess kumpannija kontra d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ta' l-20 ta' Diċembru 2002 [3] fejn ikkonstatat, każ partikolari, li r-remissjoni ta' dazji fuq l-importazzjoni ma kinitx iġġustifikata.

Il-kuntest ġuridiku

2. L-Artikolu 1(3) u (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3319/94, tat-22 ta' Diċembru 1994, li jistabbilixxi dazju definittiv kontra d-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' soluzzjoni mħallta ta' urea u ta' nitrat ta' l-ammonju li toriġina mill-Bulgarija u mill-Polonja, esportata minn kumpanniji għajr dawk li huma eżenti mid-dazju, u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost [4], jistabbilixxi li:

"3. L-ammont tad-dazju kontra d-dumping impost fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Polonja huwa l-istess bħad-differenza bejn il-prezz minimu ta' l-importazzjoni ta' ECU 89 għal kull tunnellata ta' prodott u l-prezz [kost, assigurazzjoni u ġarr (cif)] fil-fruntiera Komunitarja miżjud bid-dazju [Tariffa Doganali Komuni] (TDK) li għandu jitħallas għal kull tunnellata ta' prodott, fil-każijiet kollha fejn il-prezz cif fil-fruntiera Komunitarja miżjud bid-dazju TDK li għandu jitħallas għal kull tunnellata ta' prodott huwa inqas mill-prezz minimu ta' importazzjoni u fejn l-importazzjonijiet rilaxxati għaċ-ċirkulazzjoni libera huma direttament iffatturati lil importatur li huwa indipendenti mill-esportaturi jew mill-produtturi segwenti li jinsabu fil-Polonja:

[...]

1 — Lingwa oriġinali: it-Taljan.
2 — T-134/03 u T-135/03, Ġabra p. II-3923.
3 — C(2002) 5217 finali u C(2002) 5218 finali.
4 — ĠU L 350, p. 20.

Għall-importazzjonijiet rilaxxati għaċ-ċirkulazzjoni libera li mhumiex iffatturati direttament lill-importatur li huwa indipendenti mill-esportaturi jew mill-produtturi msemmija iktar 'il fuq li jinsabu fil-Polonja, id-dazju segwenti huwa stabbilit:

għall-prodott li joriġina mill-Polonja : ECU 22 għal kull tunnellata ta' prodott [...], ħlief għall-prodott iċċertifikat minn Zaklady Azotowe Pulawy, li għalih id-dazju speċifiku huwa ta' ECU 19 għal kull tunnellata tal-prodott [...].

4. Salv indikazzjoni kuntrarja, id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-qasam tad-dazji doganali huma applikabbli." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

3. L-Artikolu 239 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [5], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/200 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2000 [6] (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali"), jipprovdi li:

"1. Dazji fuq l-importazzjoni jew dazji fuq l-esportazzjoni jistgħu jitħallsu lura jew [jinħafru] f'sitwazzjonijiet oħra barra dawk li ssir referenza għalihom fl-Artikoli 236, 237, u 238:

— li għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura tal-kumitat;

— li jirriżultaw minn ċirkustanzi li fihom ebda ingann [qerq] jew traskuraġni ovvja [negliġenza evidenti] ma jistgħu jiġu attribwiti lill-persuna interessata. Is-sitwazzjonijiet li fihom din id-dispożizzjoni tista' tiġi applikata u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għal dak il-għan għandhom jiġu definiti skond il-proċedura tal-kumitat. Ħlas lura jew remissjoni jistgħu jsiru bla ħsara għal kundizzjonijiet speċjali.

[...]"

4. L-Artikolu 4(24) tal-Kodiċi Doganali jispeċifika li, għall-finijiet ta' l-istess Kodiċi, "proċedura tal-kumitat" tfisser "jew il-proċedura riferita fl-Artikoli 247 u 247a, jew fl-Artikoli 248 u 248a".

5. L-Artikolu 247 tal-Kodiċi Doganali jipprovdi li "[i]l-miżuri meħtieġa għall-imple-

5 — ĠU L 302, p. 1.
6 — ĠU L 311, p. 17.

mentazzjoni ta' dan ir-Regolament, [...] għandhom jiġu adottati bi qbil mal-proċedura riferita fl-Artikolu 247a(2) [...]".

6. L-Artikolu 247a tal-Kodiċi Doganali jipprovdi li:

"1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Kumitat").

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE [...]

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura."

7. L-Artikolu 4 tar-Regolament Intern tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali jipprovdi li:

"1. L-istedina għal-laqgħa, l-aġenda, l-abbozzi ta' miżuri li dwarhom il-Kumitat huwa mitlub jagħti l-opinjoni tiegħu u kull dokument ta' ħidma ieħor għandhom jintbagħtu mill-President lir-Rappreżentanti Permanenti u lill-membri tal-Kumitat skond l-Artikolu 14(2), bħala regola ġenerali mhux aktar tard minn erbatax-il jum kalendarju qabel id-data tal-laqgħa.

2. F'każijiet urġenti u meta l-miżuri li għandhom jittieħdu jkunu jridu jiġu applikati minnufih, il-President jista', fuq talba ta' membru tal-Kumitat jew fuq inizjattiva tiegħu stess, iqassar it-terminu msemmi fil-paragrafu preċedenti sa ħamest ijiem kalendarji qabel id-data tal-laqgħa [...]"

3. F'każijiet urġenti ħafna, il-President jista' ma japplikax it-termini stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2. Kemm-il darba jkun propost li tiddaħħal kwistjoni bħala parti mill-aġenda ta' l-istess laqgħa, hija meħtieġa l-approvazzjoni tal-maġġoranza sempliċi tal-membri tal-Kumitat." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

8. L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-

setgħat ta' l-implementazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni [7] (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija") jistabbilixxi li:

"L-għażla tal-metodi proċedurali għall-adozzjoni tal-miżuri ta' l-implimentazzjoni għandha tiġi ggwidata mill-kriterji li ġejjin:

(a) miżuri ta' amministrazzjoni, bħal dawk relatati ma' l-applikazzjoni tal-politika agrikola komuni u dik dwar is-sajd, jew ma' l-implimentazzjoni ta' programmi b'implikazzjonijiet sostanzjali fuq il-*budget*, għandhom jiġu adottati permezz ta' l-użu tal-proċedura ta' l-amministrazzjoni;

(b) miżuri ta' ambitu ġenerali maħsuba biex japplikaw dispożizzjonijiet essenzjali ta' strumenti bażiċi, inklużi miżuri rigward il-protezzjoni tas-saħħa jew is-sigurtà tal-bnedmin, l-annimali jew il-pjanti, għandhom jiġu adottati bl-użu tal-proċedura regolatorja; fejn strument bażiku jistipula li ċerti dispożizzjonijiet mhux essenzjali ta' l-istrument jistgħu jiġu adattati jew aġġornati permezz ta' proċeduri ta' l-implimentazzjoni, dawk il-miżuri għandhom jiġu adottati bl-użu tal-proċedura regolatorja;

(ċ) mingħajr preġudizzju għall-punti (a) u (b), il-proċedura konsultattiva għandha tintuża f'kull każ fejn jitqies li tkun l-aktar approprjata."

9. L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija jipprovdi li:

"Proċedura regolatorja

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat regolatorju kompost mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri u presedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jressaq quddiem il-kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz, f'limitu ta' żmien li l-President jista' jistabbilixxi skond l-urġenza tal-każ. L-opinjoni għandha tingħata bil-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 205(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet

7 — ĠU L 184, p. 23.

li l-Kunsill ikun meħtieġ li jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fi ħdan il-kumitat għandhom ikunu peżati bil-mod stabbilit f'dak l-Artikolu. Il-President m'għandux jivvota.

3. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8, tadotta l-miżuri maħsuba jekk ikunu skond l-opinjoni tal-kumitat.

4. Jekk il-miżuri maħsuba ma jkunux skond l-opinjoni tal-kumitat, jew jekk ebda opinjoni ma tingħata, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tressaq quddiem il-Kunsill proposta rigward il-miżuri li għandhom jittieħdu u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew [...]"

10. L-Artikolu 905(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tal-Kodiċi Doganali Komunitarju [8], kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1677/98, tad-29 ta' Lulju 1998 [9] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' Applikazzjoni") b'mod partikolari jipprovdi li:

"Meta l-awtorità doganali ta' deċiżjoni li lilha l-applikazzjoni għar-rimbors jew remissjoni skond l-Artikolu 239(2) tal-Kodiċi tkun ġiet sottomessa, ma tkunx tista' tieħu deċiżjoni fuq il-bażi ta' l-Artikolu 899, imma l-applikazzjoni tkun sostnuta minn prova li tista' tikkostitwixxi sitwazzjoni partikolari li tirriżulta minn ċirkustanzi li fihom l-ebda qerq jew negliġenza evidenti min-naħa ta' l-interessat ma tkun attribwita lil dan, l-Istat Membru li lilu tkun tappartjeni din l-awtorità għandu jittrażmetti l-każ lill-Kummissjoni biex dan ikun deċiż skond il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 906 sa 909.

Madanakollu, ħlief jekk l-awtorità doganali li tieħu d-deċiżjonijiet hija f'dubju, tista' tiddeċiedi hija nfisha li tagħti ħlas lura jew tirrinunzja [għad]-dazji f'każijiet fejn hija tikkunsidra li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 239(1) tal-Kodiċi huma eżawriti, kemm-il darba l-ammont ikkonċernat għal kull operatur fejn għandha x'taqsam ħidma ta' l-importazzjoni jew l-esportazzjoni waħda jew aktar, imma li jitqajmu mill-istess sitwazzjoni waħda u l-istess waħda speċjali, hu inqas minn 50 000 ECU.

Il-frażi "il-persuna interessata" għandha tinftiehem fis-sens ta' l-Artikolu 899.

Fil-każijiet l-oħra kollha, l-awtorità doganali ta' deċiżjoni għandha tiċħad l-applikazzjoni."

8 — ĠU L 253, p. 1.
9 — ĠU L 212, p. 18.

11. L-Artikolu 906 tar-Regolament ta' Applikazzjoni jistabbilixxi li:

"Fi żmien ħmistax-il jum minn mindu tirċievi l-każ kif imsemmi fl-Artikolu 905 (2), il-Kummissjoni għandha tgħaddi kopja tiegħu lill-Istati Membri.

L-eżami tal-każ għandu jkun inkluż malajr kemm jista jkun fl-aġenda ta' laqgħa tal-kumitat previst fl-Artikolu 247 tal-Kodiċi."

12. Wara li seħħew il-fatti tal-kawża, it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 906 tar-Regolament ta' Applikazzjoni ġie emendat kif ġej mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1335/2003 tal-25 ta' Lulju 2003, li jemenda r-Regolament ta' Applikazzjoni [10]:

"Il-kunsiderazzjoni ta' dak il-każ għandha tkun inkluża malajr kemm jista' jkun [...] fl-aġenda tal-laqgħa tal-grupp ta' l-esperti li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 907".

13. L-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni jipprovdi li:

"Wara li tikkonsulta grupp ta' esperti magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri kollha, li jiltaqa' [fi ħdan l-istruttura tal-] Kumitat biex jikkunsidra dak il-każ partikolari, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk ikun hemm jew le sitwazzjoni speċjali li tiġġustifika r-rimbors jew ir-remissjoni".

Il-fatti li wasslu għall-kawża

14. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża, kif ikkonstatati mill-Qorti tal-Prim'Istanza, jirriżultaw mill-punti 14 sa 28 tas-sentenza appellata, u huma fformulati bil-mod li ġej:

"14 Ir-rikorrenti, stabbilita fil-Belġju, hija bejjiegħ bl-ingrossa ta' prodotti kimiċi u b'mod partikolari ta' soluzzjonijiet [tan-nitroġenu] (urea u nitrat ta' ammonju). Il-grupp tar-rikorrenti jinkludi b'mod partikolari, Rellmann GmbH, stabbilita f'Amburgu (Il-Ġermanja), sussidjarja 100 % tar-rikorrenti, u Agro Baltic GmbH, ibbażata f'Rostock (Il-Ġermanja) u li hija 100 % sussidjarja ta' Rellmann. Fl-1989, ir-rikorrenti akkwistat il-kumpannija Champagne Fertilisants, li hija r-rappreżentanta fiskali għall-operazzjonijiet kollha tagħha fi Franza.

15 L-esportatur, il-kumpannija Pollakka Zaklady Azotowe Pulawy (aktar 'il

10 — ĠU L 187, p. 16.

quddiem "ZAP") tbigħ il-prodotti lill-Agro Baltic. Fi ħdan il-grupp tar-rikorrenti, l-istruttura kummerċjali hija din li ġejja: Agro Baltic terġa' tbigħ il-prodotti lill-Rellmann li min-naħa tagħha terġa' tbigħhom lir-rikorrenti. Jinħarġu l-kontijiet relatati.

16 [F'dan il-każ partikolari, li wassal għall-] kawża T-134/03, bejn Marzu u Settembru ta' l-1997, Agro Baltic xtrat mingħand ZAP tliet kunsinji ta' taħlita ta' urea u nitrat ta' ammonju. Dawn il-kunsinji segwew l-istruttura kummerċjali deskritta fil-punt 15 aktar 'il fuq.

17 Cogema, aġenzija doganali awtorizzata, kienet inkarigata sabiex, f'isem Agro Baltic, tqiegħed il-prodotti fiċ-ċirkulazzjoni libera u sabiex, f'isem ir-rikorrenti, toħroġ il-prodotti għall-konsum.

18 Il-prodotti, għaldaqstant, kienu l-ewwel maħruġa fis-suq f'isem l-Agro Baltic, b'dikjarazzjoni EU0 [li kienu] anness[i] [magħha l]-fatturi ta' ZAP [lil] Agro Baltic u ċ-ċertifikat EUR.1 li jixhed l-oriġini Pollakka tal-prodotti. Il-prodotti, fl-istess ħin, tqiegħdu taħt il-proċedura ta' [magażinaġġ] doganali minfejn inħarġu ftit minuti wara sabiex joħorġu għall-konsum f'isem Champagne Fertilisants.

19 Fil-kawża T-135/03, f'Jannar 1995, Agro Baltic xtrat kunsinja mingħand ZAP li aktar tard segwiet l-istruttura kummerċjali deskritta fil-punt 15 aktar 'il fuq.

20 Agro Baltic qabdet lill-aġenzija doganali awtorizzata SCAC Rouen (aktar 'il quddiem "SCAC"), sabiex, f'isem Agro Baltic, tqiegħed il-merkanzija fiċ-ċirkulazzjoni libera u sabiex, f'isem ir-rikorrenti, toħroġha għall-konsum. Għaldaqstant, dan kien [i]fisser li kienu qegħdin jiġu depożitati żewġ dikjarazzjonijiet doganali għall-istess prodotti, ma' l-istess uffiċċju doganali, li jagħmlu referenza għal żewġ destinatarji differenti, sabiex issir distinzjoni bejn il-ħlas [tad-dazju doganali] u l-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

21 SCAC użat proċedura għar-rilaxx doganali ssimplifikata għat-tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni libera u għall-ħruġ għall-konsum f'isem ir-rikorrenti biss. [Għal] dan il-għan, SCAC iddepożitat dikjarazzjoni IM4 f'isem ir-rikorrenti, annessa bil-fattura li Rellmann ħarġet lir-rikorrenti u ċertifikat EUR.1 li jixhed l-oriġini Pollakka tal-prodotti.

22 Għall-ewwel, l-awtorità kompetenti Franċiża aċċettat id-dikjarazzjonijiet relatati ma' dawn iż-żewġ kawżi, [tat] eżenzjoni mill-ħlas ta' dazji doganali fuq l-importazzjoni abbażi taċ-ċertifikat EUR.1, u ma talbitx il-ħlas tad-dazji kontra d-dumping.

23 Wara stħarriġ *a posteriori*, l-awtoritajiet kompetenti Franċiżi madankollu qiesu li d-dazju speċifiku ta' ECU 19 kull tunnellata stabbilit fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 1(3) tar-Regolament Nru 3319/94 kellu jiġi applikat għall-kunsinji kollha in kwistjoni f'dawn il-kawżi. Fl-opinjoni tagħhom, fil-fatt, l-importatur reali tal-merkanzija kienet ir-rikorrenti, li ma kinitx iffatturata direttament minn ZAP, għalkemm il-prodotti in kwistjoni kienu ċċertifikati minn ZAP. [Fl-atti tal-]kawża T-134/03, b'mod aktar preċiż, l-awtoritajiet kompetenti Franċiżi b'mod partikolari kkunsidraw li d-depożitu intermedju tal-merkanzija jikkostitwixxi *fictio juris*, minħabba l-perijodu qasir ħafna ta' żmien tiegħu u peress li r-rikorrenti kienet diġà xtrat il-prodotti fit-tliet operazzjonijiet in kwistjoni saħansitra qabel ma kienu ddepożitati d-dikjarazzjonijiet ta' tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni libera f'isem l-Agro Baltic. [Fl-att tal-]kawża T-135/03, b'mod aktar preċiż, l-awtoritajiet kompetenti Franċiżi kkunsidraw li kienet saret dikjarazzjoni waħda għat-tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni libera u għall-ħruġ għall-konsum f'isem ir-rikorrenti.

24 Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li [fl-atti tal-] kawża T-134/03, l-aġenti tas-*Centre du renseignement d'orientation et de contrôle de Poitiers* (Ċentru ta' informazzjoni, orjentament u kontroll ta' Poitiers), fl-4 ta' Diċembru 1998, ikkumpilaw verbal li fih kien iddikjarat li kienu ġew evażi dazji u taxxi għal total komplessiv ta' 3 991 497 Frank Franċiż (FRF) (EUR 564 855). [Fl-atti tal]-kawża T-135/03, fit-13 ta' Novembru 1997, id-*Direction interrégionale des douanes de Rouen* (Uffiċċju doganali interreġjonali ta' Rouen) ikkumpila verbal li minnu jirriżulta li kellhom ikunu applikati dazji u taxxi li komplessivament jammontaw għal 840 271 Frank Franċiż (FRF) (EUR 128 098).

25 F'Novembru u f'Diċembru 1999, ir-rikorrenti ppreżentat talba għar-remissjoni ta' dazji lill-amministrazzjoni doganali Franċiża, skond l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali. Fl-14 ta' Frar 2002, l-amministrazzjoni doganali Franċiża bagħtet dawn it-talbiet lill-Kummissjoni, li rreġistrathom bin-numru ta' referenza REM 02/02 (kawża T-134/03) u REM 03/02 (kawża T-135/03).

26 Permezz ta' l-ittri tad-9 u ta' l-10 ta' Settembru 2002, li kienu mwieġba fil-11 ta' Ottubru 2002, il-Kummissjoni indikat lir-rikorrenti li kellha l-intenzjoni li tieħu deċiżjoni negattiva fil-fajls REM 02/02 u REM 03/02.

27 Fit-12 ta' Novembru 2002 il-grupp ta' esperti REM/REC iltaqa' fi ħdan [l-istruttura tal-]Kumitat [tal-Kodiċi] Doganali, sezzjoni tar-rifużjonijiet. Skond kif jirriżulta mir-rendikont sommarju ta' din il-laqgħa, ikkumpilat fid-29 ta' Novembru 2002, il-vot finali meħud mill-grupp ta' esperti wassal għal dan ir-riżultat, f'dak li jirrigwarda l-fajls REM 02/02 u REM 03/02: "sitt delegazzjonijiet jivvutaw favur il-proposta tal-Kummissjoni, erba' delegazzjonijiet jastjenu u ħames delegazzjonijiet jivvutaw kontra l-proposta tal-Kummissjoni".

28 Fl-20 ta' Diċembru 2002, il-Kummissjoni, peress li qieset li kien hemm negliġenza evidenti minn naħa tar-rikorrenti, li ma kien hemm l-ebda sitwazzjoni partikolari u li, għaldaqstant, ma kinux sodisfatti l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali, adottat id-Deċiżjonijiet C (2002) 5217 finali (fajl REM 02/02) u C (2002) 5218 finali (fajl REM 03/02), li jikkonstataw li r-remissjoni ta' dazji fuq l-importazzjoni ma kinitx iġġustifikata (aktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet ikkontestati"). Il-Kummissjoni nnotifikat lill-amministrazzjoni doganali Franċiża b'dawn id-deċiżjonijiet li, min-naħa tagħha, għaddiethom lir-rikorrenti fl-10 ta' Frar 2003."

Proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u s-sentenza appellata

15. Permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fit-18 ta' April 2003, irreġistrati bin-numri T-134/03 u T-135/03, CMF talbet l-annullament tad-deċiżjonijiet kkontestati, fuq il-bażi ta' tliet motivi.

16. Permezz ta' l-ewwel motiv tagħha, hija allegat, *inter alia*, il-ksur ta' l-Artikolu 7 KE u ta' l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija u ksur ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Intern tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali.

17. Permezz tat-tieni motiv tagħha, hija allegat li l-Kummissjoni wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni in kwantu ddeċidiet li l-kundizzjonijiet għall-għoti tar-remissjoni taħt l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali ma kinux sodisfatti.

18. Permezz tat-tielet motiv tagħha, ir-rikorrenti sostniet li l-Kummissjoni ma rrispettatx l-obbligu ta' motivazzjoni skond l-Artikolu 253 KE.

19. Wara li ġew magħquda l-kawżi T-134/03 u T-135/03, il-Qorti tal-Prim'Istanza, permezz tas-sentenza appellata, ċaħdet ir-rikorsi u ordnat lir-rikorrenti tbati l-ispejjeż.

20. Għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur ta' l-Artikolu 7 KE u ta' l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija, il-Qorti tal-Prim'Istanza, fl-ewwel lok, iddikjarat inammissibbli l-eċċezzjoni ta' illegalità ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni sollevata mir-rikorrenti fil-kuntest ta' dan l-ilment [11].

21. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim'Istanza osservat, qabel kollox, li l-eċċezzjoni kienet tardiva in kwantu ġiet sollevata biss fl-istadju ta' replika u li mhija bbażata fuq ebda element ta' dritt jew ta' fatt rilevat matul il-proċedura, fis-sens ta' l-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza [12].

22. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat li l-illegalità ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni ma setgħetx tiġi eżaminata *ex officio* peress li ma kinitx kwistjoni ta' ordni pubbliku [13]. Skond il-Qorti tal-Prim'Istanza, għalkemm huwa minnu li hija għandha tqajjem *ex officio* l-inkompetenza ta' l-awtur ta' l-att ikkontestat, madankollu hija osservat, l-ewwel nett, li fil-każ preżenti l-Kummissjoni aġixxiet *intra vires* meta adottat id-deċiżjonijiet ikkontestati fuq il-bażi ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni, li ġie adottat skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 239, 247 u 247a ta' l-imsemmi Kodiċi; it-tieni nett, mill-ġurisprudenza ma jirriżultax li l-Qorti tal-Prim'Istanza għandha taċċerta *ex officio* jekk il-Kummissjoni, meta adottat l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni, li huwa l-bażi ġuridika tad-deċiżjonijiet kkontestati, kinitx qed taġixxi *ultra vires* [14].

23. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet l-argument tar-rikorrenti li l-grupp ta' esperti li, skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni, jiltaqa' "[fi ħdan l-istruttura tal-] Kumitat [tal-Kodiċi Doganali]" jikkostitwixxi kumitat regolatorju fis-sens ta' l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija [15].

24. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Prim'Istanza osservat li mis-seba' premessa u mill-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija jirriżulta li l-proċedura regolatorja tintuża għall-"miżuri ta' ambitu ġenerali maħsuba biex japplikaw id-dispożizzjonijiet essenzjali ta' strumenti bażiċi", waqt li d-deċiżjonijiet ikkontestati kienu deċiżjonijiet individwali u, għaldaqstant, m'għandhom l-ebda ambitu ġenerali. Skond il-Qorti tal-Prim'Istanza, jekk jiġi kkunsidrat li l-kumitat regolatorju fis-sens ta' l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija huwa kompetenti sabiex jagħti opinjoni fuq proposta ta' deċiżjoni individwali ta' remissjoni jew ħlas lura ta' dazju doganali, dan ikun ekwivalenti għall-assimilazzjoni pura u sempliċi tal-kunċetti ta'

11 — Sentenza appellata, punt 51.

12 — *Ibid.*

13 — F'dan is-sens il-Qorti tal-Prim'Istanza ċċitat is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 1959, Société des fonderies de Pont-à-Mousson vs L-Awtorità Għolja, (14/59, Ġabra p. 445, p. 474).

14 — Sentenza appellata, punt 52.

15 — *Ibid*, punti 54 u 58.

deċiżjoni u ta' att ta' ambitu ġenerali, li minflok huma fundamentalment distinti, u, għaldaqstant, ikun ifisser ksur ta' din id-dispożizzjoni ta' l-aħħar, kif ukoll ta' l-Artikolu 7 KE u tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija [16].

25. Il-Qorti tal-Prim'Istanza qalet ukoll li, kieku l-leġiżlatur, f'dan il-każ il-Kummissjoni, ried li l-Kumitat tal-Kodiċi Doganali jkun ikkonsultat fil-kuntest tal-proċeduri individwali ta' remissjoni jew ħlas lura, huwa kien, mingħajr ebda dubju juża l-frażi "wara konsultazzjoni tal-Kumitat". Hija qalet li l-frażi "[fi ħdan l-istruttura tal-]Kumitat" tirrifletti l-fatt li l-grupp ta' esperti msemmi fl-Artikolu 907 huwa evidentement entità differenti, fuq il-livell funzjonali, mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali [17].

26. Fir-rigward ta' l-allegat ksur ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Intern tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali (iktar 'il quddiem, ir-"Regolament Intern tal-KKD") — mill-aspett ta' nuqqas ta' osservanza tat-terminu ta' erbatax-il jum qabel il-laqgħa ta' l-imsemmi kumitat, stabbilit għat-trażmissjoni lill-membri tiegħu tad-dokumenti ta' ħidma — il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet l-ilment tar-rikorrenti.

27. F'dan ir-rigward, wara li kkonstatat li l-membri tal-grupp ta' esperti kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom tlettax-il jum kalendarju biex isiru jafu bl-ittra li permezz tagħha r-rikorrenti wieġbet għall-ittri tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi ma jistgħux jeċċepixxu allegat ksur ta' din ir-regola, li mhijiex intiża sabiex tħares id-drittijiet ta' l-individwi iżda biex tassigura l-funzjonament intern ta' l-imsemmi kumitat fir-rispett sħiħ tal-prerogattivi tal-membri tiegħu [18].

28. Fir-rigward ta' l-allegati żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali, il-Qorti tal-Prim'Istanza, wara li osservat li huwa paċifiku li r-rikorrenti ma wettqet l-ebda qerq, eżaminat biss il-parti tat-tieni motiv dwar l-allegat nuqqas ta' negliġenza min-naħa tar-rikorrenti, sabiex teskludi kull żball manifest ta' evalwazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni dwar dan il-punt, li kien irendi superfluwu l-eżami ta' l-ilmenti dwar l-eżistenza ta' sitwazzjoni partikolari [19].

29. Preliminarjament, il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret li, skond il-ġurisprudenza, sabiex jiġi evalwat jekk hemmx negliġenza evidenti fis-sens ta' l-Artikolu 239 tal-Kodiċi

16 — *Ibid*, punti 55 sa 57.
17 — *Ibid*, punt 59.
18 — *Ibid*, punti 77 sa 79.
19 — *Ibid*, punti 115, 147 u 149.

Doganali, għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-kumplessità tad-dispożizzjonijiet li n-nuqqas ta' applikazzjoni tagħhom wassal għall-ħolqien tad-dejn doganali, kif ukoll l-esperjenza professjonali u d-diliġenza ta' l-operatur [20].

30. F'dak li jirrigwarda l-kumplessità tad-dispożizzjonijiet, il-Qorti tal-Prim'Istanza osservat, minn naħa, kif diġà ddikjarat f'okkażjoni oħra [21], li t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 1(3) tar-Regolament Nru 3319/94 ma jippreżentax diffikultajiet kunsiderevoli ta' interpretazzjoni u li, min-naħa l-oħra, kif sostniet il-Kummissjoni, ir-rikorrenti ma setgħetx tożonera ruħha mir-responsabbiltà tagħha billi tinvoka żball, veru jew prežunt, ta' l-aġenti tad-dwana tagħha, peress li hija stess stabbiliet l-iskema ta' importazzjoni tal-prodotti in kwistjoni u għażlet l-aġenti tad-dwana tagħha liberament [22].

31. Fir-rigward ta' l-esperjenza professjonali tar-rikorrenti, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li l-Kummissjoni kienet korretta meta sostniet li r-rikorrenti kellha l-esperjenza professjonali meħtieġa fit-twettiq ta' operazzjonijiet ta' importazzjoni u esportazzjoni [23].

32. Finalment, għal dak li jirrigwarda d-diliġenza ta' l-operatur, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li, meta jiġi kkunsidrat globalment, l-aġir tar-rikorrenti fit-twettiq ta' l-operazzjonijiet in kwistjoni ma setax jitqies li kien diliġenti biżżejjed. Fil-fatt, għalkemm tallega nuqqas ta' esperjenza fl-operazzjonijiet ta' rilaxx mid-dwana tal-prodotti in kwistjoni, kif ukoll diffikultajiet inerenti fl-applikazzjoni tar-Regolament Nru 3319/94, ir-rikorrenti mhux biss ma talbitx il-konsulenza ta' l-aġenti tad-dwana tagħha, iżda saħansitra tathom istruzzjonijiet ferm preċiżi. Barra minn hekk, skond il-Qorti tal-Prim'Istanza, l-iżbalji tar-rikorrenti fit-tlestija tal-fatturi tagħha wkoll kienu indikazzjoni ta' nuqqas ta' diliġenza min-naħa tagħha [24].

Proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u talbiet tal-partijiet

33. Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Diċembru 2005 l-appellanti ressqet appell mis-sentenza msemmija iktar 'il fuq.

34. Ir-rappreżentanti tal-partijiet ġew mismugħa f'seduta li nżammet fil-5 ta' Ottubru 2006.

20 — *Ibid*, punt 135.

21 — Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-21 ta' Settembru 2004, Gondrand Frères vs Il-Kummissjoni (T-104/02, Ġabra p. II-3211, punti 59 sa 62 u 66).

22 — Sentenza appellata, punti 137 sa 139.

23 — *Ibid*, punti 140 sa 141.

24 — *Ibid*, punti 142 sa 144.

35. L-appellanti talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex:

— tannulla *in toto* s-sentenza appellata;

— tilqa' t-talbiet ippreżentati mill-appellanti fis-sentenza tal-Prim'Istanza;

— tordna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż ta' l-appell u tas-sentenza fil-Prim'Istanza.

36. Il-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex:

— tiċħad l-appell;

— tordna lill-appellanti tbati l-ispejjeż.

Analiżi ġuridika

Kunsiderazzjonijiet preliminari fuq l-aggravji ta' l-appell

37. L-appellanti tibbaża l-appell tagħha fuq erba' aggravji. Permezz ta' l-ewwel tnejn hija tilmenta, rispettivament, li l-Qorti tal-Prim'Istanza tat "preżentazzjoni inkompluta tal-kuntest ġuridiku" u "preżentazzjoni inkompluta tal-kuntest ta' fatt". Permezz tat-tielet aggravju hija tallega serje ta' żbalji ta' dritt li l-Qorti tal-Prim'Istanza allegatament wettqet meta eżaminat l-eżistenza talksur ta' forom proċedurali sostanzjali sollevata fil-kuntest ta' l-ewwel motiv tar-rikors għal annullament. Ir-raba' aggravju jirrigwarda applikazzjoni żbaljata ta' l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali mill-Qorti tal-Prim'Istanza.

38. Huwa ċar li l-ewwel aggravju mhuwiex awtonomu fil-konfront ta' l-aggravji l-oħrajn. Waqt li tinvoka "preżentazzjoni inkompluta tal-kuntest ġuridiku", l-appellanti tikkritika lill-Qorti tal-Prim'Istanza talli naqset milli ssemmi, fil-preżentazzjoni tal-kuntest ġuridiku rilevanti li saret fil-punti 1 sa 13 tas-sentenza appellata, minn naħa, id-disgħa u tletin premessa tar-Regolament Nru 3319/94 u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija.

39. Fil-fehma tiegħi, huwa naturalment ovvju li n-nuqqas li tissemma, fil-parti tas-sentenza li sempliċement tippreżenta l-kuntest ġuridiku, dispożizzjoni waħda jew aktar li jistgħu jkunu rilevanti għall-finijiet talkawża ma jistax jitqies fih innifsu bħala difett li jkollu l-effett li jrendi s-sentenza invalida. L-ilment għaldaqstant għandu jinftiehem li jirreferi għan-nuqqas tal-Qorti tal-Prim'Istanza *li tikkunsidra* l-premessa u d-dispożizzjoni msemmija u għall-iżbalji ta' dritt li setgħu jirriżultaw minn dan fil-kuntest ta' l-evalwazzjoni ġuridika.

40. Fil-fatt, mit-trattazzjoni ta' l-ewwel aggravju invokat fl-appell jirriżuta li, minħabba l-allegati nuqqasijiet, skond l-appellanti, il-Qorti tal-Prim'Istanza minn naħa tat interpretazzjoni żbaljata tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 1(3) tar-Regolament Nru 3319/94 meta kkonkludiet li f'dan il-każ, il-fatt li l-appellanti ma kinitx evitat il-leġiżlazzjoni kontra d-dumping ma setax jiġi invokat kontra l-impożizzjoni tad-dazju speċifiku ta' kontra d-dumping; u, min-naħa l-oħra, għamlet evalwazzjoni żbaljata meta stabbilixxiet li l-proċedura regolatorja taħt id-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija għandha tiġi segwita biss għall-adozzjoni ta' miżuri ta' ambitu ġenerali.

41. Madankollu dawn huma lmenti li ġew sollevati b'mod aktar speċifiku fil-kuntest, rispettivament, tar-raba' u tat-tielet aggravji ta' l-appell [25]. Għaldaqstant, huwa aktar adattat li dawn jiġu eżaminati fil-kuntest ta' l-analiżi ta' dawk l-aggravji.

42. Fir-rigward ta' l-allegata "preżentazzjoni inkompluta tal-kuntest ta' fatt", sollevata fittieni aggravju ta' l-appell, għandu jiġi osservat li l-appellanti tallega li fil-punti 14 sa 28 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreżentat il-fatti b'mod "inkomplut u żbaljat" li wassal għal distorsjoni ta' l-istess fatti u għaldaqstant għal żball ta' dritt [26]. Hija tallega li minħabba din id-distorsjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza b'mod żbaljat ikkonstatat li f'dan il-każ kien hemm sitwazzjoni ta' fatturazzjoni indiretta li kienet tiġġustifika l-applikazzjoni tad-dazju speċifiku previst fittieni paragrafu ta' l-Artikolu 1(3) tar-Regolament Nru 3319/94.

43. Min-naħa l-oħra l-appellanti ssostni li f'dan il-każ, għall-kuntrarju ta' dak li sostnew l-awtoritajiet doganali Franċiżi u l-Kummissjoni, ma jirriżultax li kien hemm sitwazzjoni ta' fatturazzjoni indiretta. Madankollu, sabiex iġġib prova ta' dan hija tinvoka għadd ta' argumenti ta' natura ġuridika, mingħajr ma tagħti l-iċken prova ta' żball imwettaq mill-awtoritajiet imsemmija iktar 'il fuq, mill-Kummissjoni u wisq inqas mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-*konstatazzjoni tal-fatti.*

44. Għaldaqstant, għall-finijiet ta' din issentenza, mhuwiex meħtieġ li dawn l-argumenti jiġu kkunsidrati.

45. Minn naħa, jirriżulta li l-Qorti tal-Prim'Istanza, fis-sentenza appellata, b'ebda mod ma eżaminat il-kwistjoni dwar l-*eżistenza* f'*dan il-każ* ta' sitwazzjoni ta' fatturazzjoni indiretta. Dan kien perfettament loġiku u leġittimu min-naħa tal-Qorti tal-Prim'Istanza peress li mill-atti tal-kawża ta' l-ewwel istanza ma jirriżultax li quddiem il-Qorti tal-

25 — L-inklużjoni fir-raba' aggravju ta' l-allegat nuqqas li tiġi kkunsidrata d-disgħa u tletin premessa tar-Regolament Nru 3319/94 tirriżulta b'mod espliċitu mill-punti 10 u 151 ta' l-appell. Bl-istess mod, l-inklużjoni fit-tielet aggravju ta' l-allegat nuqqas li jiġi kkunsidrat l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija tirriżulta b'mod espliċitu mill-punti 16 u 75 ta' l-appell.

26 — Appell, punti 18, 20, 21, 28 u 39.

Prim'Istanza l-appellanti allegat il-ksur, minnaħa tal-Kummissjoni, tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 1(3) tar-Regolament Nru 3319/94. Għaldaqstant, din il-kwistjoni ma tistax tiġi sollevata għall-ewwel darba fil-kuntest ta' appell, fejn il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija limitata għal evalwazzjoni tas-soluzzjoni ġuridika mogħtija fir-rigward tal-motivi diskussi quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza [27].

46. Min-naħa l-oħra, billi teċċepixxi l-ineżistenza tad-dejn doganali, l-appellanti tpoġġi ruħha mhux biss f'perspettiva loġika ġdida, iżda għal kollox inkompatibbli ma' l-iskop tar-rikors għal annullament ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

47. F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li fid-deċiżjonijiet ikkontestati, il-Kummissjoni ddeċidiet dwar talbiet ta' l-appellanti intiżi sabiex tikseb remissjoni ta' dazji abbażi ta' l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali u ta' l-Artikolu 905 tar-Regolament ta' Applikazzjoni.

48. Madankollu, kif osservat tajjeb il-Kummissjoni, dawn id-dispożizzjonijiet, li għandhom skop ta' ekwità [28], għandhom l-għan waħdieni li jippermettu, meta jinqalgħu dawn is-sitwazzjonijiet partikolari, u finnuqqas ta' negliġenza evidenti jew qerq, li jiġu eżonerati ċerti operaturi ekonomiċi millħlas tad-dazji dovuti minnhom, u mhux li jikkontestaw il-prinċipju nnifsu ta' l-eżiġibbiltà tad-dejn doganali [29]. Konsegwentement, l-appellanti, fil-konfront tad-deċiżjonijiet kkontestati, setgħet tinvoka biss b'suċċess aggravji intiżi sabiex jagħtu prova, f'dan il-każ, ta' l-eżistenza ta' sitwazzjoni partikolari, minkejja n-nuqqas ta' negliġenza evidenti jew qerq min-naħa tagħha, u mhux aggravji intiżi sabiex jagħtu prova ta' l-illeġittimità tad-deċiżjonijiet ta' awtoritajiet kompetenti nazzjonali li ssuġġettawha għall-ħlas tad-dazji in kwistjoni [30].

49. Fi kliem ieħor, it-talbiet magħmula lill-Kummissjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali u ta' l-Artikolu 905 tar-Regolament ta' Applikazzjoni ma jirrigwardawx il-kwistjoni dwar jekk id-dispożizzjonijiet tad-dritt sostanzjali doganali ġewx applikati b'mod korrett millawtoritajiet doganali nazzjonali. Fil-fatt, din il-kwistjoni taqa' taħt il-kompetenza ta' l-awtoritajiet doganali nazzjonali, skond l-

27 — Sentenza ta' l-1 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi *et* (C-136/92, Ġabra p. I-1981, punt 59).

28 — Sentenzi tal-25 ta' Frar 1999, Trans-Ex-Import (C-86/97, Ġabra p. I-1041, punt 21), u tas-27 ta' Settembru 2001, Bacardi (C-253/99, Ġabra p. I-6493, punt 56).

29 — Ara, b'referenza għad-dispożizzjoni ekwivalenti għall-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali, kif kien fis-seħħ qabel — l-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1430/79, tat-2 ta' Lulju 1979, dwar ir-rifużjoni u r-remissjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni (ĠU L 175, p. 1), kif emendat bl-Artikolu 1(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3069/86, tas-7 ta' Ottubru 1986 (ĠU L 286, p. 1) —, is-sentenzi tat-12 ta' Marzu 1987, Cerealmangimi u Italgrani vs Il-Kummissjoni (244/85 u 245/85, Ġabra p. 1303, punt 11), u tas-6 ta' Lulju 1993, CT Control (Rotterdam) u JCT Benelux vs Il-Kummissjoni (C-122/91 u C-122/91, Ġabra p. I-3873, punt 43).

30 — Ara s-sentenzi Cerealmangimi u Italgrani vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 13, u CT Control (Rotterdam) u JCT Benelux vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 44.

Artikolu 236 tal-Kodiċi Doganali, li d-deċiżjonijiet tagħhom jista' jsir appell minnhom quddiem il-qrati nazzjonali, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' dawn ta' l-aħħar li jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja skond l-Artikolu 234 KE [31].

Fuq l-allegati żbalji ta' dritt li saru fl-eżami ta' l-eżistenza tal-ksur ta' forom proċedurali sostanzjali

Fuq l-iżbalji ta' dritt li l-Qorti tal-Prim'Istanza allegatament ikkommettiet meta eskludiet il-ksur ta' l-Artikolu 7 KE u ta' l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija.

50. Peress li l-preżentazzjoni ta' dawn it-talbiet lill-Kummissjoni tippresupponi l-eżistenza ta' dejn doganali [32], li l-appellanti ma setgħetx tikkontesta fil-kuntest ta' rikors għal annullament kontra d-deċiżjonijiet ikkontestati, l-argumenti dwar punti ta' dritt sollevati fil-kuntest tat-tieni aggravju għandhom ukoll jiġu miċħuda għal din ir-raġuni [33].

— L-ilmenti ta' l-appellanti

51. Għaldaqstant, l-attenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun iffokata fuq it-tielet u r-raba' aggravji.

52. Permezz ta' l-ewwel żewġ partijiet ta' dan l-aggravju, minn naħa, il-"ksur ta' l-Artikolu 7 KE u l-kwistjoni ta' illegalità ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament [ta' Applikazzjoni]" u, min-naħa l-oħra, in-"natura ġuridika tal-Kumitat ikkonsultat mill-Kummissjoni", l-appellanti tilmenta dwar serje ta' żbalji ta' dritt li l-Qorti tal-Prim'Istanza allegatament ikkommettiet meta ċaħdet il-parti ta' l-ewwel aggravju dwar l-allegat ksur ta' l-Artikolu 7 KE u ta' l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija. Fil-fehma tiegħi, dawn għandhom jiġu eżaminati flimkien peress li dawn it-tnejn jirrigwardaw, essenzjalment, il-kwistjoni dwar il-proċedura li kellha tiġi segwita mill-Kummissjoni għall-finijiet tat-talbiet ta' remissjoni ta' l-appellanti u għaldaqstant il-kwistjoni tal-kompetenza tal-Kummissjoni.

31 — Il-Qorti tal-Prim'Istanza ppronunċjat ruħha f'dan is-sens fis-sentenza tas-16 ta' Lulju 1998, Kia Motors u Broekman Motorships vs Il-Kummissjoni (T-195/97, Ġabra p. II-2907, punt 36). Ara wkoll is-sentenzi Gondrand Frères vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 25, u tat-13 ta' Settembru 2005, Ricosmos vs Il-Kummissjoni (T-53/02, Ġabra, p. II-3173, punt 165).

32 — Sentenza Gondrand Frères vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 25.

33 — Fis-seduta l-appellanti ddikjarat li setgħet tammetti l-eżistenza, f'ta'dan il-każ, ta' dejn doganali, u ppreċiżat li hija talbet ir-remissjoni għal raġunijiet ta' ekwità skond l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali. Madankollu, b'mod inkonsistenti, fis-seduta hija kompliet tgħid li kienet qed tikkontesta l-leġittimità ta' l-impożizzjoni fuqha tad-dazju ta' kontra d-dumping speċifiku, waqt li insistiet li fil-fehma tagħha la kien hemm fatturazzjoni indiretta u lanqas prova ta' evażjoni.

53. Mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-ilment dwar l-inkompetenza tal-Kummissjoni, iffurmulat mill-appellanti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, kien ibbażat, essenzjalment, fuq il-preżunzjoni li l-kumitat li ltaqa' fit-12 ta' Novembru 2002 (ara l-punt 26 iktar 'il fuq) għandu jitqies, skond l-Artikoli 247 u 247a tal-Kodiċi Doganali, bħala kumitat regolatorju fis-sens ta' l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija. Għaldaqstant, fid-dawl tal-bżonn li tiġi applikata l-proċedura regolatorja stabbilita f'dan l-Artikolu ta' l-aħħar, il-vot mogħti mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fil-laqgħa tal-kumitat tal-12 ta' Novembru 2002, skond l-appellanti, kien ekwivalenti, skond l-istess Artikolu, għal nuqqas ta' opinjoni li ma kienx jippermetti lill-Kummissjoni li tiddeċiedi weħidha dwar it-talbiet ta' remissjoni ta' l-appellanti, iżda li kien jeħtieġ li hija tippreżenta, mill-aktar fis possibbli, il-proposta ta' miżuri tagħha lill-Kunsill, waqt li tinforma lill-Parlament Ewropew.

54. Madankollu, fir-risposta tagħha l-Kummissjoni indikat li l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni kien jawtorizzaha tieħu d-deċiżjoni dwar it-talbiet ta' remissjoni hija stess, wara li tikkonsulta, mhux kumitat regolatorju, iżda kumitat ta' esperti magħżul minnha liberament, meta tadotta r-Regolament ta' Applikazzjoni, għall-finijiet ta' l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar ir-rifużjoni u r-remissjoni tad-dazji.

55. L-appellanti lmentat, fir-replika tagħha, li l-interpretazzjoni ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni proposta mill-Kummissjoni ma setgħetx tiġi aċċettata in kwantu din timplika l-illegalità ta' l-imsemmija dispożizzjoni. Filfatt, hija ssostni li l-Kummissjoni, meta adottat l-imsemmi Artikolu 907 kif interpretat minnha, ma ħolqotx miżura ta' applikazzjoni tal-Kodiċi Doganali, iżda assumiet kompetenza indebitament bi ksur ta' l-Artikolu 7 KE. Sussidjarjament, fil-każ li l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li l-grupp ta' esperti msemmi mhuwiex il-kumitat regolatorju, l-appellanti teċċepixxi, skond l-Artikolu 241 KE, l-illegalità ta' l-imsemmija dispożizzjoni in kwantu din tmur kontra l-Artikolu 7 KE.

56. Il-Qorti tal-Prim'Istanza, fis-sentenza appellata, ċaħdet kemm l-argument prinċipali ta' l-appellanti bħala infondat, kif ukoll l-eċċezzjoni ta' illegalità, bħala inammissibbli, għar-raġunijiet deskritti fil-qosor fil-punti 20 sa 25 iktar 'il fuq.

57. L-ilmenti sollevati mill-appellanti permezz ta' l-ewwel żewġ partijiet ta' dan l-aggravju jistgħu jiġu miġbura fil-qosor bil-mod li ġej.

58. Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Prim'Istanza, meta ddikjarat li l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni kien jippermetti lill-Kummissjoni li tiddeċiedi weħidha — jiġifieri mingħajr ma

ssegwi l-proċedura tal-kumitat regolatorju — dwar it-talbiet ta' remissjoni, interpretat b'mod żbaljat l-imsemmija dispożizzjoni u, konsegwentement, eskludiet b'mod żbaljat li d-deċiżjonijiet ikkontestati kienu vvizzjati minħabba l-inkompetenza ta' l-awtur tagħhom. Din l-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni msemmija iktar 'il fuq mhijiex korretta in kwantu tirrendi lil din ta' l-aħħar kuntrarja għar-regolament ta' bażi kkostitwit mill-Kodiċi Doganali u għall-Artikolu 7 KE minħabba nuqqas ta' bażi ġuridika.

59. Fit-tieni lok, l-appellanti tikkritika lill-Qorti tal-Prim'Istanza għaliex ma eżaminatx il-mertu, wara li interpretat l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni fis-sens li dan kien jawtorizza lill-Kummissjoni biex tiddeċiedi dwar it-talbiet ta' remissjoni mingħajr ma ssegwi l-proċedura tal-kumitat regolatorju, ta' l-eċċezzjoni ta' illegalità ta' din id-dispożizzjoni, in kwantu kuntrarja għar-regolament ta' bażi u għall-Artikolu 7 KE.

60. F'dan ir-rigward, minn naħa, l-appellanti tikkontesta li din l-eċċezzjoni ġiet sollevata biss fir-replika, u ssostni li fi kwalunkwe każ, l-invokazzjoni tagħha fil-fażi ta' replika kienet iġġustifikata fuq il-bażi ta' element ta' dritt li ġie rrevelat matul il-kawża fis-sens ta' l-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, jiġifieri l-interpretazzjoni ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni fir-risposta tagħha.

61. Min-naħa l-oħra, l-appellanti tilmenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat b'mod żbaljat li l-kwistjoni ta' l-illegalità ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni ma kinitx ta' ordni pubbliku u, għaldaqstant, ma setgħetx tiġi mqajma *ex officio*. Hija ssostni li d-distinzjoni, fir-rigward ta' jekk din il-kwistjoni setgħetx titqajjem *ex officio*, bejn l-inkompetenza ta' l-awtur ta' l-att ikkontestat u l-inkompetenza ta' l-awtur ta' l-att li jikkostitwixxi l-bażi ġuridika ta' l-att ikkontestat, hija artifiċjali u żbaljata u s-sentenza ċċitata mill-Qorti tal-Prim'Istanza in sostenn ta' dik id-distinzjoni [34] mhux biss issa hija qadima u fi kwalunke każ irrilevanti peress li tirrigwarda t-Trattat KEFA u mhux it-Trattat KE, iżda saħansitra turi l-kuntrarju ta' dak li sostniet il-Qorti tal-Prim'Istanza.

62. Fit-tielet lok, l-appellanti tilmenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza eskludiet b'mod żbaljat, fuq il-premessa tal-portata individwali tad-deċiżjonijiet kkontestati u fid-dawl tal-kriterji stipulati fid-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija dwar l-għażla tal-proċeduri li għandhom jiġu segwiti fl-eżerċizzju tal-poteri ta' implementazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni, li f'dan il-każ din setgħet tirrikorri għall-proċedura regolatorja.

63. F'dan ir-rigward l-appellanti ssostni, minn naħa, li l-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat b'mod żbaljat il-kriterji msemmija iktar 'il fuq, in kwantu naqset milli tikkunsidra l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni dwar il-

34 — Sentenza Société des fonderies de Pont-à-Mousson vs L-Awtorità Għolja, iċċitata iktar 'il fuq.

Komitoloġija, li minnu jirriżulta li l-użu tal-proċedura regolatorja mhuwiex limitat biss għall-każijiet ta' adozzjoni ta' miżuri ta' ambitu ġenerali, iżda huwa possibbli wkoll għall-finijiet ta' l-adozzjoni ta' miżuri li jittieħdu biex jadattaw jew jaġġornaw dispożizzjonijiet mhux essenzjali ta' att ta' bażi, jiġifieri miżuri li, skond l-appellanti, m'għandhomx, bħala definizzjoni, ambitu ġenerali. Barra minn hekk, l-appellanti tosserva li, b'mod konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [35], il-kriterji għall-għażla tal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija mhumiex vinkolanti.

64. Min-naħa l-oħra, l-appellanti tikkontesta li d-deċiżjonijiet ikkontestati huma deċiżjonijiet individwali mingħajr ambitu ġenerali. Hija ssostni li dawn id-deċiżjonijiet mhumiex purament individwali, iżda għandhom ukoll ambitu ġenerali, peress li jirrigwardaw dejn doganali u b'hekk jaffettwaw b'mod dirett irriżorsi proprji tal-Komunità.

65. Fir-raba' lok, l-appellanti ssostni li l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali, li l-Qorti tal-Prim'Istanza allegatament injorat indebitament meta eżaminat in-natura ġuridika tal-kumitat in kwistjoni, juri b'mod ċar li l-intenzjoni tal-leġiżlatur Komunitarju, iktar speċifikament il-Kunsill, kienet l-osservanza ta' proċedura regolatorja għall-finijiet ta' l-adozzjoni ta' deċiżjoni fir-rigward tar-rifużjoni jew ir-remissjoni ta' dazji.

66. Dan huwa sostnut mir-referenza doppja, fil-paragrafu 1 ta' l-imsemmi Artikolu, għal "proċedura tal-kumitat" u l-użu, rispettivament fl-ewwel u fit-tielet inċiżi ta' din id-dispożizzjoni, ta' espressjonijiet differenti, jiġifieri "li għandhom jiġu stabbiliti" u "jiġu definiti", fir-rigward ta' sitwazzjonijiet li jistgħu jagħtu lok għal rifużjoni jew remissjoni. Huwa biss jekk l-ewwel inċiż jiġi interpretat fis-sens li jirreferi għat-teħid ta' deċiżjoni bħala tali u li jissuġġettaha għall-proċedura tal-kumitat li tista' tiġi spjegata r-referenza doppja, li inkella tkun biss il-frott ta' repetizzjoni doppja inutli min-naħa tal-leġiżlatur.

67. Fil-ħames lok, l-appellanti tikkritika s-sentenza appellata in kwantu l-Qorti tal-Prim'Istanza ma ppronunċjatx ruħha dwar il-kwistjoni, li hija kienet issollevat matul is-seduta, li tirrigwarda l-funzjonament tal-kumitat in kwistjoni barra minn kull linja tal-baġit u għaldaqstant, l-inkompatibbiltà tad-deċiżjonijiet ikkontestati mar-regoli dwar il-baġit Komunitarju. F'dan ir-rigward, hija tfakkar li, b'mod konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [36], fis-sistema tat-Trattat l-eżekuzzjoni ta' spiża min-naħa

35 — Sentenza tal-21 ta' Jannar 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill, magħrufa bħala s-"sentenza LIFE" (C-378/00, Ġabra p. I-937, punti 43 sa 48).

36 — Sentenza tat-12 ta' Mejju 1998, Ir-Renju Unit vs Il-Kummissjoni (C-106/96, Ġabra p. I-2729, punt 22).

tal-Kummissjoni tippresupponi d-dħul fil-baġit tal-kreditu relattiv u att ta' dritt sekondarju li abbażi tiegħu tkun saret dik l-ispiża.

68. Fis-sitt lok, l-appellanti tilmenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet żball ieħor ta' dritt meta naqset milli tippronunċja ruħha dwar in-natura ġuridika eżatta tal-kumitat in kwistjoni u, għaldaqstant, dwar il-bażi ġuridika li ppermettiet il-ħolqien tiegħu.

— Analiżi

69. Wara li ġew identifikati d-diversi lmenti fformulati fil-kuntest ta' l-ewwel żewġ partijiet ta' dan l-aggravju, li skond il-Kummissjoni huma kollha infondati, issa ser neżaminahom fl-intier tagħhom, filwaqt li ser inħalli għall-aħħar dak li jirrigwarda n-nuqqas, minnaħa tal-Kummissjoni, li teżamina l-mertu tal-kwistjoni dwar l-illegalità ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni.

70. Il-kapitolu 3 tar-Regolament ta' Applikazzjoni jimplementa "[d]ispożizzjonijiet speċifiċi relattivi għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 239 tal-Kodiċi [Doganali]". Mhuwiex ikkontestat li dan il-każ jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tas-Sezzjoni 2 ta' l-imsemmi kapitolu, li tirrigwarda "[d]eċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni", u mhux taħt is-Sezzjoni 1 li tirrigwarda d-"[d]eċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri".

71. Id-deċiżjoni dwar it-talbiet għal remissjoni ppreżentati mill-applikanti għaldaqstant kellha tiġi adottata, skond l-Artikolu 905(1) tar-Regolament ta' Applikazzjoni, "skond il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 906 sa 909 [ta' l-istess regolament]".

72. It-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 906, fil-verżjoni li kienet fis-seħħ fiż-żmien meta ġew adottati d-deċiżjonijiet kkontestati, jistabbilixxi, b'mod partikolari, li "l-eżami tal-każ għandu jkun inkluż malajr kemm jista' jkun fl-aġenda ta' laqgħa tal-Kumitat previst fl-Artikolu 247 tal-Kodiċi [Doganali]". Sussegwentement, l-Artikolu 907 jipprovdi li l-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni dwar it-talba għal rifużjoni jew remissjoni "[w]ara li tikkonsulta grupp ta' esperti magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri kollha, li jiltaqa' [fi ħdan l-istruttura tal-]Kumitat biex jikkunsidra dak il-każ partikolari".

73. L-argument ta' l-appellanti huwa li l-korp li għandu jiġi kkonsultat mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura taħt l-Artikoli 906 sa 909 tar-Regolament ta' Applikazzjoni huwa l-kumitat imsemmi fl-Artikolu 247 tal-Kodiċi Doganali u li dan huwa kumitat regolatorju fis-sens ta' l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija.

74. F'dan ir-rigward nosserva, fl-ewwel lok, kif għamlet il-Qorti tal-Prim'Istanza, li l-mod kif huwa miktub l-Artikolu 907 u b'mod partikolari l-espressjoni "[fi ħdan l-istruttura tal-]Kumitat" jindikaw li l-grupp ta' esperti msemmi f'dak l-Artikolu mhuwiex il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali bħala tali, iżda entità distinta minnu ta' l-inqas fuq livell funzjonali [37].

75. L-obbligu, invokat mill-appellanti, li l-Artikolu 907 jiġi interpretat b'mod konformi mar-regolament ta' bażi li jikkonsisti fil-Kodiċi Doganali, fil-fehma tiegħi ma jwassalx għal konklużjoni differenti.

76. Fil-fatt, għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali, ebda element fih ma jikkonferma l-argument ta' l-appellanti li dan l-Artikolu jistabbilixxi, għall-finijiet ta' l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar talbiet għal rifużjoni jew remissjoni f'każijiet konkreti, il-proċedura regolatorja. Għalkemm dan l-Artikolu mhuwiex miktub f'termini ċari ħafna, madankollu huwa evidenti, fil-fehma tiegħi, li r-referenzi għall-"proċedura tal-Kumitat" jirrigwardaw fi kwalunkwe każ id-"determinazzjoni" jew "definizzjoni" tas-"sitwazzjonijiet" li fihom jistgħu jingħataw ir-rifużjoni jew ir-remissjoni jiġifieri l-previżjoni *astratta* ta' każijiet fejn tista' tingħata r-rifużjoni jew ir-remissjoni. Għaldaqstant l-Artikolu 239, meta jirreferi għall-"proċedura tal-Kumitat", jalludi, bħal fil-każ tad-definizzjoni tal-"proċeduri li għandhom jiġu segwiti", għal eżerċizzju ta' natura regolatorja, u mhux deċiżjonali.

77. Lanqas fl-Artikoli 247 u 247a tal-Kodiċi Doganali, interpretati b'mod korrett, ma jistgħu jinsabu elementi li jsostnu l-argument ta' l-appellanti. Huwa minnu li l-Artikolu 247 jindika li għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 247a(2), jiġifieri l-proċedura taħt l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija, il-"miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni [ta' l-imsemmi Kodiċi]". Huwa minnu wkoll li din l-espressjoni ta' l-aħħar, mifhuma f'sens wiesa', tista' tinkludi, b'mod partikolari, l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar każijiet individwali. Madankollu, mill-kuntest regolatorju huwa ċar li din l-espressjoni għandha tinftiehem f'sens iktar strett, jiġifieri fis-sens ta' proċeduri intenzjonati biex jiġu integrati r-regoli introdotti mill-kodiċi stess.

78. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li t-test ta' l-Artikoli 247 u 247a tal-Kodiċi Doganali li huwa rilevanti għall-finijiet ta' din il-kawża, jiġifieri dak fis-seħħ fiż-żmien meta żvolġiet il-proċedura amministrattiva, jirriżulta mill-emendi li saru għall-Kodiċi Doganali mir-Regolament Nru 2700/2000, li l-

37 — Sentenza appellata, punt 59. Ir-referenza li hemm fl-Artikolu 906 għal-laqgħa tal-kumitat imsemmi fl-Artikolu 247 tal-Kodiċi Doganali ma tmurx kontra din il-konklużjoni. Din fir-realtà tirrigwarda biss il-proċedura ta' adempjament formali, it-tniżżil fl-aġenda ta' l-eżami tal-każ, u tidher li tirriżulta minn impreċiżjoni fl-abbozzar, li ġiet korretta mir-Regolament Nru 1335/2003 (ara l-punt 12 iktar 'il fuq).

erbatax-il premessa tiegħu tistabbilixxi li "[i] l-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni tal-[Kodiċi Doganali] għandhom jiġu adotti skond id-Deċiżjoni dwar il-[Komitoloġija]".

79. Għaldaqstant huwa fid-dawl tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija li għandha tiġi eżaminata l-portata ta' l-Artikoli 247 u 247a.

80. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li d-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija ġiet adottata fuq il-bażi tat-tielet inċiż ta' l-Artikolu 202 KE, li minnu jirriżulta, b'mod partikolari, li l-Kunsill jista' jissuġġetta l-eżerċizzju tal-poteri ta' implementazzjoni tar-regoli stabbiliti minnu, għal proċeduri partikolari u li dawn il-proċeduri għandhom jikkonformaw mal-prinċipji u r-regoli li huwa jistabbilixxi fuq bażi preliminari (kif għamel fid-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija). Dawn l-prinċipji u regoli, kif semmiet il-Qorti tal-Ġustizzja, jistgħu jirrigwardaw ukoll il-modalitajiet ta' għażla bejn id-diversi proċeduri li għalihom jista' jkun issuġġettat l-eżerċizzju min-naħa tal-Kummissjoni tal-poteri ta' implementazzjoni mogħtija lilha [38].

81. Madankollu, huwa minnu li, skond il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' implementazzjoni fis-sens tat-tielet inċiż ta' l-Artikolu 202 KE jinkludi, fl-istess ħin, l-elaborazzjoni tar-regoli ta' implementazzjoni u applikazzjoni ta' regoli għal każijiet partikolari permezz ta' atti ta' portata individwali. Il-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward irrilevat li, peress li t-Trattat jitkellem dwar "implementazzjoni" mingħajr ma jirrestrinġi l-iskop bi preċiżjonijiet ulterjuri, dan it-terminu ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jeskludi l-atti ta' portata individwali [39].

82. Huwa minnu wkoll li, kif ġie sostnut mill-appellanti, il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li l-kriterji ta' l-għażla tal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija mhumiex ta' natura vinkolanti, minkejja li l-leġiżlatur Komunitarju, meta ma jagħżilx proċedura ta' kumitat, huwa obbligat li jagħti raġunijiet għall-għażla tiegħu [40].

83. Madankollu, kienet il-Qorti tal-Ġustizzja stess li ppreċiżat li l-miżuri ta' portata individwali jistgħu jaqgħu biss taħt l-Artikolu 2(a) tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija, li jipprovdi għall-użu tal-proċedura ta' ġestjoni, waqt li l-miżuri ta' ambitu ġenerali jistgħu jaqgħu taħt l-isfera ta' applikazzjoni ta' kull waħda minn dawn iż-żewġ partijiet [(a) u (b)] ta' l-imsemmi Artikolu u b'hekk jiġu adottati, skond il-każ, permezz tal-proċedura ta' ġestjoni jew il-proċedura regolatorja [41].

38 — Sentenza LIFE, iċċitata iktar 'il fuq, punt 41.

39 — Sentenzi ta' l-24 ta' Ottubru 1989, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (16/88, Ġabra p. 3457, punt 11), u tat-23 ta' Frar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill (C-122/04, Ġabra p. I-2001, punt 37).

40 — Sentenzi LIFE, iċċitata iktar 'il fuq, punti 43 sa 48 u 50 sa 55, u Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, punt 32.

41 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill, iċċitata 'iktar 'il fuq, punt 38.

84. Għaldaqstant jidher li l-premessa ta' l-appellanti li l-użu tal-proċedura regolatorja mhuwiex limitat mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija għal każijiet biss ta' adozzjoni ta' miżuri ta' ambitu ġenerali hija infondata.

85. Għaldaqstant interpretazzjoni ta' l-Artikolu 247 tal-Kodiċi Doganali li hija konformi mad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija teħtieġ li l-espressjoni "miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni tal-[Kodiċi Doganali]" li tinsab fl-imsemmi Artikolu tinftiehem li qed tagħmel referenza biss għal miżuri ta' ambitu ġenerali.

86. Barra minn hekk jidher li l-premessa l-oħra ta' l-appellanti li d-deċiżjonijiet ikkontestati mhumiex ta' miżuri ta' portata individwali hija manifestament infondata. Huwa għal kollox evidenti, kif osservat il-Kummissjoni, li dawn id-deċiżjonijiet ingħataw fir-rigward ta' l-eżistenza *f'każ konkret li jirrigwarda lill-appellanti*, tal-kundizzjonijiet għar-remissjoni ta' dazji previsti fl-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali u li min-naħa l-oħra mhumiex atti applikabbli għal sitwazzjonijiet iddefiniti b'mod oġġettiv u fil-konfront ta' persuni ddeterminati b'mod ġenerali u astratt [42]. Il-fatt, imsemmi mill-appellanti, li d-deċiżjonijiet ikkontestati għandhom effett fuq ir-riżorsi proprji tal-Komunità huwa evidentement irrilevanti u ma jagħtix ambitu ġenerali lil dawn id-deċiżjonijiet.

87. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza m'għamlet ebda żball ta' dritt meta sostniet li "d-deċiżjonijiet ikkontestati huma deċiżjonijiet individwali u, għaldaqstant, m'għandhom l-ebda ambitu ġenerali" u meta eskludiet li, b'mod konformi mad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija, dawn setgħu jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja taħt l-Artikolu 5 ta' l-istess deċiżjoni.

88. L-Artikoli 247 u 247a tal-Kodiċi Doganali, interpretati fid-dawl ta' u b'mod konformi mad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija, b'hekk ma jsostnux l-argument ta' l-appellanti li interpretazzjoni ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni konformi mar-regoli ta' grad superjuri tal-Kodiċi Doganali, teħtieġ li l-grupp ta' esperti msemmi f'din l-aħħar dispożizzjoni jiġi kkunsidrat li huwa l-kumitat regolatorju fis-sens ta' l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija.

89. Fil-fehma tiegħi, għandhom jiġu miċħuda wkoll l-ilmenti li jallegaw li l-Qorti tal-Prim'Istanza naqset milli tippronunċja

42 — Ara, dwar il-kunċett ta' ambitu ġenerali, *inter alia*, is-sentenza ta' l-14 ta' Diċembru 1962, Confédération nationale des producteurs de fruits et legumes *et* vs Il-Kunsill (16/62 u 17/62, Gabra p. 901, b'mod partikolari p. 919), li tirreferi għaliha l-istess sentenza appellata fil-punt 57.

ruħha, minn naħa, dwar in-natura ġuridika eżatta tal-grupp ta' esperti msemmi fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni u b'hekk dwar il-bażi ġuridika tat-twaqqif tiegħu, kif ukoll, minnaħa l-oħra, dwar l-allegat funzjonament barra mil-linja tal-baġit ta' l-imsemmi grupp ta' esperti.

90. Taħt l-ewwel aspett għandu jingħad, kif issostni l-Kummissjoni, li wara li eskludiet, ġustament, li dan il-grupp ta' esperti huwa kumitat regolatorju fis-sens ta' l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija [43] u wara li kkonstatat li dan huwa "entità differenti, fuq livell funzjonali, mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali" [44], il-Qorti tal-Prim'Istanza ma kinitx obbligata li tagħti spjegazzjonijiet ulterjuri dwar in-natura ġuridika ta' dan il-grupp, in kwantu l-argument ta' l-appellanti kien ibbażat fuq il-kwalifikazzjoni ta' dan ta' l-aħħar bħala kumitat regolatorju. Barra minn hekk, jirriżulta b'mod biżżejjed ċar mis-sentenza appellata [45] li l-bażi ġuridika tat-twaqqif tal-grupp ta' esperti taħt l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni hija kkostitwita mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 239, 247 u 247a tal-Kodiċi Doganali, li minnhom jirriżulta sostanzjalment li d-definizzjoni ta' "proċeduri li għandhom jiġu segwiti" għall-finijiet tar-rifużjoni jew tar-remissjoni tirriżulta mill-proċedura regolatorja taħt l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija. Il-Qorti tal-Prim'Istanza lanqas ma naqset milli tindika li l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni ġie effettivament approvat b'mod konformi mal-proċedura msemmija iktar 'il fuq [46], fatt li mhuwiex ikkontestat mill-appellanti.

91. Taħt it-tieni aspett, huwa biżżejjed li jingħad, kif sostniet il-Kummissjoni, li l-kwistjoni tar-regolarità tal-funzjonament tal-grupp ta' esperti mil-lat ta' kontabbiltà m'għandu ebda effett fuq il-validità tad-deċiżjonijiet kkontestati, iżda tista' biss tirrigwarda l-validità ta' deċiżjonijiet dwar spejjeż li mhumiex is-suġġett tar-rikors għal annullament tar-rikorrenti.

92. Finalment, ser nanalizza l-ilmenti dwar in-nuqqas li jiġi eżaminat il-mertu ta' l-eċċezzjoni ta' illegalità ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni.

93. Fuq bażi preliminari, għandu jiġi osservat li l-fatt li l-mertu ta' din l-eċċezzjoni kien infondat jirriżulta b'mod ċar mill-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, li juru li t-twaqqif tal-grupp ta' esperti ma kienx nieqes minn bażi ġuridika u ma kienx imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali invokati mill-appellanti.

43 — Sentenza appellata, punt 58.

44 — *Ibid*, punt 59.

45 — *Ibid*, punt 52.

46 — *Ibid.*

94. Madankollu, għandi dubji dwar kemm il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista', għal din ir-raġuni, filwaqt li tissostitwixxi l-motivi [47], tonqos milli tippronunċja ruħha dwar in-nuqqas ta' eżami ta' l-eċċezzjoni ta' illegalità. Sostituzzjoni tal-motivi effettwata fis-sentenza dwar l-appell tippresupponi konstatazzjoni preċedenti ta' żball ta' dritt kommess mill-Qorti tal-Prim'Istanza.

95. Għaldaqstant, huwa biss f'din il-perspettiva li ser nipproċedi biex neżamina wkoll l-ilment imsemmi iktar 'il fuq, u f'dan ir-rigward nagħmel il-kummenti li ġejjin.

96. Fl-ewwel lok, filwaqt li tikkontesta l-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza skond liema l-eċċezzjoni ta' illegalità ġiet issollevata biss fl-istadju ta' replika, l-appellanti fir-realtà ma tressaq ebda argument li juri l-kuntrarju. Fil-fatt, hija tillimita ruħha, essenzjalment, li ssostni li d-diskussjoni dwar il-validità ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni tirriżulta mill-interpretazzjoni, li mhijiex kondiviża mill-appellanti, li l-Kummissjoni tat lil din id-dispożizzjoni fir-risposta tagħha u li din id-diskussjoni ma kinitx ser tirriżulta kieku ġiet segwita l-interpretazzjoni mogħtija mill-appellanti dwar l-istess dispożizzjoni fir-rikors tagħha. Dawn il-kummenti b'hekk jikkonfermaw, fuq livell ta' fatt, li l-eċċezzjoni ta' illegalità effettivament ġiet issollevata biss fl-istadju ta' replika. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li mhuwiex eżatt li jiġi affermat, kif tagħmel l-appellanti, li hija kienet ippreżentat l-interpretazzjoni tagħha ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni fir-rikorsi. Minn sempliċi qari tar-rikorsi, jirriżulta li din id-dispożizzjoni lanqas biss tissemma [48].

97. Fit-tieni lok, fil-fehma tiegħi huwa infondat ukoll il-kumment ta' l-appellanti li l-eċċezzjoni ta' illegalità ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni kellha titqies bħala motiv ibbażat fuq element ta' dritt li ħareġ matul il-proċedura, fis-sens ta' l-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza. F'dan ir-rigward, nissottometti li l-interpretazzjoni ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni fir-risposta ppreżentata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza ma tistax tikkostitwixxi element ta' dritt li ħareġ matul il-proċedura, fis-sens ta' l-Artikolu 48(2) iċċitat iktar 'il fuq, in kwantu din ma kellhiex l-effett li tbiddel is-sitwaz-

47 — Skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta mill-motivazzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza jkun jirriżulta ksur tad-dritt Komunitarju, iżda jkun jidher li d-dispożittiv ta' l-istess sentenza jkun fondat fuq punti ta' dritt oħra, l-appell kontra din is-sentenza għandu jiġi miċħud (ara, *inter alia*, is-sentenzi tad-9 ta' Ġunju 1992, Lestelle vs Il-Kummissjoni, C-30/91 P, Ġabra p. I-3755, punt 28, tal-15 ta' Diċembru 1994, Finsider vs Il-Kummissjoni, C-320/92 P, Ġabra p. I-5697, punt 37, u tat-13 ta' Lulju 2000, Salzgitter vs Il-Kummissjoni, C-210/98 P, Ġabra p. I-5843, punt 58).

48 — Għall-kuntrarju, fl-appell tagħha, l-appellanti ma tissollevax il-kwistjoni dwar jekk l-eċċezzjoni ta' illegalità ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni setgħetx titqies sempliċement bħala "estensjoni" — ammissibbli — "ta' motiv ippreżentat qabel [...] fir-rikors oriġinali" fis-sens tas-sentenzi tat-30 ta' Settembru 1982, Amylum vs Il-Kunsill (108/81, Ġabra p. 3107, punt 25) u tad-19 ta' Mejju 1983, Verros vs Il-Parlament (306/81, Ġabra p. 1755, punt 9). Il-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk ma ġietx imsejħa biex tippronunċja ruħha dwar din il-kwistjoni.

zjoni ġuridika eżistenti fid-data meta ġie ppreżentat ir-rikors għal annullament [49], għall-kuntrarju ta' dak li jista' jingħad, per eżempju, għall-effetti ta' modifika, abrogazzjoni, annullament jew dikjarazzjoni ta' invalidità ta' att li jkun importanti għall-finijiet tar-riżoluzzjoni tal-kawża.

98. Fit-tielet lok, jiena tal-parir li, min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet żball ta' dritt meta qieset li l-illegalità ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni, issollevata mir-rikorrenti, ma kinitx ta' ordni pubbliku.

99. F'dan ir-rigward, naqbel ma' l-appellanti li s-sentenza Société des fonderies de Pont-à-Mousson vs L-Awtorità Għolja [50], li għaliha rreferiet il-Qorti tal-Prim'Istanza, b'ebda mod ma ssostni l-konklużjonijiet li għalihom waslet din ta' l-aħħar dwar dan il-punt.

100. Fil-parti ta' dik is-sentenza li tirreferi għaliha l-Qorti tal-Prim'Istanza, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-kumpannija appellanti setgħet tikkontesta, permezz tat-tieni aggravju tagħha, id-deċiżjoni individwali adottata mill-Awtorità Għolja fil-konfront tagħha biss kieku ssollevat l-eċċezzjoni ta' illegalità kontra att partikolari ta' ambitu ġenerali applikat minn dik id-deċiżjoni. L-allegat difett huwa, fil-fatt, ta' dan l-att u mhux tad-deċiżjoni individwali kkontestata. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li, għalkemm "[d]in l-eċċezzjoni ma ġietx sollevata espressament mill-appellanti, u lanqas [ma setgħet] titqies li ġiet ifformulata b'mod impliċitu", madankollu "ma kienx opportun li jitħallew dubji dwar il-validità [ta' l-att ta' ambitu ġenerali] peress li [dak l-att] kien rilevanti għall-kawża" u kkunsidrat li "għaldaqstant kien meħtieġ li tippronunċja ruħha dwar il-mertu tat-tieni lment". Għaldaqstant, ma narax kif il-Qorti tal-Prim'Istanza setgħet tibbaża fuq din is-sentenza biex tafferma li l-illegalità ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni mhijiex ta' ordni pubbliku. Għandi ngħid ukoll, sabiex nuri ulterjorment l-irrilevanza tal-preċedent invokat mill-Qorti tal-Prim'Istanza, li fil-kawża fejn ingħatat is-sentenza, imsemmija iktar 'il fuq, id-dubju dwar il-validità ta' l-att ta' ambitu ġenerali ma kienx jirrigwarda l-kompetenza ta' l-awtur ta' l-att innifsu, iżda aspetti oħra relatati mal-leġittimità interna ta' l-att.

101. Lanqas it-tieni kumment li s-sentenza Laboratoires Servier vs Il-Kummissjoni [51], invokata mill-appellanti fl-ewwel istanza, tirrigwarda l-inkompetenza ta' l-istituzzjoni li tadotta l-att ikkontestat u mhux l-inkompetenza ta' l-istituzzjoni li adottat l-att li fuq

49 — Ara s-sentenza ta' l-1 ta' April 1982, Dürbeck vs Il-Kummissjoni (11/81, Ġabra p. 1251, punt 17).

50 — Iċċitata iktar 'il fuq.

51 — Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-28 ta' Jannar 2003, (T-147/00, Ġabra p. II-85, punt 45).

il-bażi tiegħu ġie adottat l-att ikkontestat [52] ma jista' jirrappreżenta motivazzjoni valida għar-rifjut li tiġi kkunsidrata n-natura ta' ordni pubbliku ta' l-allegata illegalità, taħt l-aspett ta' l-inkompetenza tal-Kummissjoni, ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kellha l-obbligu li tindika r-raġunijiet li għalihom, minkejja n-nuqqas ta' preċedent speċifiku fil-ġurisprudenza, l-inkompetenza ta' l-istituzzjoni li adottat l-att li fuq il-bażi tiegħu ġie adottat l-att ikkontestat ma tistax titqies bħala motiv ta' ordni pubbliku.

102. Rigward il-kriterji sabiex jiġi stabbilit jekk motiv huwiex ta' ordni pubbliku jew le, insostni li għandha ssir referenza għall-kriterji identifikati mill-Avukat Ġenerali Jacobs fil-punti 141 u 142 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Salzgitter vs Il-Kummissjoni [53]. Għaldaqstant għandu jiġi evalwat:

— "jekk id-dispożizzjoni miksura għandhiex għan fundamentali ta' l-ordni ġuridiku Komunitarju u jekk għandhiex rwol sinjifikattiv għall-finijiet tat-twettiq ta' dan l-għan"

— u "jekk id-dispożizzjoni miksura ġietx stabbilita fl-interess ta' terzi jew fl-interess kollettiv b'mod ġenerali, u mhux biss fl-interessi tal-persuni direttament ikkonċernati" [54].

103. Kif il-Qorti tal-Prim'Istanza stess indikat korrettament fis-sentenza appellata [55], l-inkompetenza ta' l-awtur ta' l-att ikkontestat għandha, skond il-ġurisprudenza, tiġi sollevata *ex officio* mill-imħallef Komunitarju [56]. Din tikkostitwixxi motiv ta' ordni pubbliku [57]. Jidhirli li fil-fatt dan id-difett jissodisfa, *bħala prinċipju,* iż-żewġ kriterji indikati iktar 'il fuq: ir-regoli dwar il-kompetenza huma intiżi sabiex jassiguraw għan, jew valur, fundamentali tas-sistema ġuridika Komunitarja, jiġifieri dak ta' ekwilibriju istituzzjonali, u huma ġeneralment stabbiliti fl-interess kollettiv ġenerali. Qed ngħid *bħala prinċipju* minħabba li l-approċċ l-iktar korrett jidher li huwa li ssir evalwazzjoni każ b'każ, jiġifieri b'referenza għar-regola speċifika dwar il-kompetenza li allegatament tkun ġiet mik-

52 — Sentenza appellata, punt 52.

53 — Iċċitata iktar 'il fuq.

54 — Min-naħa l-oħra, ma naħsibx illi l-kundizzjoni tan-natura manifesta tal-ksur tad-dritt Komunitarju, deskritta fil-punt 143 tal-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Jacobs, iċċitati iktar 'il fuq, timplika l-kwalifikazzjoni tal-motiv bħala ta' ordni pubbliku. Din tikkonsisti, fil-fehma tiegħi, iktar f'kundizzjoni li taħti lok għall-obbligu ta' l-imħallef li jissolleva *ex officio* motiv ta' ordni pubbliku. F'dan is-sens, ara B. Vesterdorf, Le relevé d'office par le juge communautaire, f'*Une Communauté de droit: Festschrift für G. C. Rodriguez Iglesias*, Nomos, 2003, p. 551, b'mod partikolari p. 560 u 561.

55 — Sentenza appellata, punt 52.

56 — F'dan is-sens, ara s-sentenzi ta' l-10 ta' Mejju 1960, Il-Ġermanja vs L-Awtorità Għolja (19/58, Ġabra p. 471, b'mod partikolari p. 488), Amylum vs Il-Kunsill, iċċitati iktar 'il fuq, punt 28, u Salzgitter vs Il-Kummissjoni, iċċitati iktar 'il fuq, punti 56 u 57; is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-27 ta' Frar 1992, BASF *et* vs Il-Kummissjoni (T-79/89, T-84/89, T-85/89, T-86/89, T-89/89, T-91/89, T-92/89, T-94/89, T-96/89, T-98/89, T-102/89 u T-104/89, Ġabra p. II-315), punt 31, ta' l-24 ta' Settembru 1996, Marx Esser u Del Amo Martinez vs Il-Parlament (T-182/94, Ġabra SP p. I-A-411 u II-1197), punt 44, Laboratoires Servier vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 45, u tal-21 ta' Settembru 2005, Kadi vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-315/01, Ġabra p. II-3649), punt 61.

57 — F'dan is-sens, espressament, il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Lagrange fil-Kawża 66/63 li wasslu għas-sentenza tal-15 ta' Lulju 1964, L-Olanda vs L-Awtorità Għolja (Ġabra p. 1047, b'mod partikolari, p. 1086) u s-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti.

sura, sabiex jiġi stabbilit jekk il-kriterji msemmija iktar 'il fuq, jiġifieri anki dak relatat mar-rwol sinjifikattiv tar-regola fittwettiq ta' l-għan jew il-valur fundamentali in kwistjoni, humiex issodisfati [58].

104. Ma naħsibx li d-distinzjoni li saret fis-sentenza appellata, bejn il-kompetenza ta' l-awtur ta' l-att ikkontestat u l-kompetenza ta' l-awtur ta' l-att li l-att ikkontestat jikkostitwixxi l-applikazzjoni tiegħu, hija rilevanti għall-finijiet tal-kwalifika ta' motiv ibbażat fuq ksur tar-regoli dwar il-kompetenza bħala wieħed ta' ordni pubbliku.

105. Għaldaqstant, id-domanda li għandna nistaqsu f'dan il-każ hija jekk id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali li, skond l-appellanti, il-Kummissjoni kisret billi stabbilixxiet, permezz ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni, proċedura differenti minn dik prevista mid-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq — u li tippermettilha li tiddeċiedi waħidha, f'każ bħal dak preżenti, fuq talba għal remissjoni ta' dazji taħt l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali u l-Artikolu 905 tar-Regolament ta' Applikazzjoni —, jissodisfawx il-kriterji msemmija fil-punt 102 iktar 'il fuq.

58 — Per eżempju, f'kawża bejn aġent tal-Kummissjoni u l-istituzzjoni li kien jappartjeni għaliha, il-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet li l-kompetenza ta' kap ta' dipartiment sabiex jadotta deċiżjonijiet ta' ġestjoni taqa' taħt il-kwistjonijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tissolleva *ex officio* (sentenza ta' l-14 ta' Diċembru 1988, Hecq vs Il-Kummissjoni, 280/87, Ġabra p. 6433, punt 12).

106. F'dan ir-rigward għandu jingħad li l-Artikoli 239, 247 u 247a tal-Kodiċi Doganali għandhom jiġu kkunsidrati bħala dispożizzjonijiet li jiffissaw il-modalitajiet ta' l-eżerċizzju tal-poter ta' implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet sostantivi dwar ir-rifużjoni u r-remissjoni ta' dazji stabbiliti mill-Kunsill fl-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali. Bħala tali dawn għandhom rwol sinjifikattiv li jassiguraw l-ekwilibriju istituzzjonali (fir-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet Komunitarji u bejnhom u l-Istati Membri), jiġifieri valur fundamentali tas-sistema ġuridika Komunitarja, u huma ċertament stabbiliti fl-interess kollettiv ġenerali u mhux biss dak tal-persuni direttament ikkonċernati.

107. Il-kwistjoni ta' l-illegalità ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni, li ġiet sollevata tardivament mill-appellanti fl-ewwel istanza b'hekk hija, fil-fehma tiegħi u għal kuntrarju ta' dak li sostniet il-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza appellata u l-Kummissjoni f'din il-proċedura, motiv ta' ordni pubbliku.

108. Madankollu, dan ma jfissirx minnu nnifsu li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet obbligata teżamina dan il-motiv *ex officio*. Fil-fehma tiegħi dan l-obbligu jirriżulta biss f'ċirkustanzi partikolari. B'mod partikolari, l-obbligu li jiġu sollevati *ex officio* motivi ta' ordni pubbliku jista' jeżisti biss skond l-

elementi preżenti fl-atti tal-kawża [59]. In-natura manifesta ta' l-allegat ksur, jew il-possibbiltà għall-imħallef Komunitarju li jindividwah u jikkwalifikah bħala tali, tista' faċilment [60] tikkostitwixxi kundizzjoni ulterjuri li tagħti lok għall-obbligu ta' l-imħallef Komunitarju li jqajjem *ex officio* motiv ta' ordni pubbliku. Fil-kuntest ta' l-identifikazzjoni taċ-ċirkustanzi li fihom ikun hemm obbligu li jiġi ssollevat *ex officio* motiv ta' ordni pubbliku relatat mhux ma' l-att ikkontestat iżda ma' l-att applikat minnu, tista' tinqala' wkoll il-kwistjoni dwar il-ħtieġa jew le li l-awtur ta' dawn l-atti jkun l-istess, jiġifieri li l-istituzzjoni li tkun adottat l-att ta' bażi tkun diġà parti fil-kawża bħala konvenuta.

109. Madankollu mhuwiex meħtieġ li tiġi eżaminata l-problema ta' l-eżistenza ta' obbligu għall-Qorti tal-Prim'Istanza, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, li tissolleva *ex officio* l-kwistjoni ta' ordni pubbliku ta' l-illegalità potenzjali, taħt l-aspett ta' l-inkompetenza, ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 907 tar-Regolament ta' Applikazzjoni. Jekk fil-fatt il-Qorti tal-Ġustizzja tasal sabiex tikkonstata, kif qed nissuġġerixxi, li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkommettiet żball ta' dritt billi eskludiet li din il-kwistjoni hija ta' ordni pubbliku, hija tista' tillimita ruħha iktar sempliċement, permezz ta' sostituzzjoni tal-motivi, li tikkonstata n-natura infondata ta' din il-kwistjoni. Kif sostnejt iktar 'il fuq, in-natura infondata tirriżulta mill-interpretazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Doganali li, fi kwalunkwe każ, għandha tiġi applikata għall-finijiet ta' l-eżami ta' l-ilmenti l-oħrajn issollevati mill-appellanti, flimkien ma' dak li qed jiġi eżaminat bħalissa, fil-kuntest ta' l-ewwel żewġ partijiet ta' dan l-aggravju.

110. Għaldaqstant nikkunsidra li, wara sostituzzjoni tal-motivi fuq il-punt li għadu kif ġie eżaminat, is-sentenza appellata m'għandhiex tiġi annullata fuq il-bażi ta' l-ewwel żewġ partijiet ta' dan l-aggravju.

Fuq l-iżball ta' dritt li l-Qorti tal-Prim'Istanza allegatament ikkommettiet meta ċaħdet l-ilment li jirrigwarda l-ksur ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Intern tal-KKD

111. Permezz tat-tielet parti ta' dan l-aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkommettiet żball ta' dritt meta, wara li kkonstatat li l-membri tal-grupp ta' esperti kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom tlettax-il jum kalendarju biss sabiex isiru jafu bir-risposta ta' l-appellanti għall-ittri tal-Kummissjoni, hija eskludiet li l-appellanti setgħet utilment tinvoka l-ksur konsegwenti ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Intern tal-KKD. L-appellanti takkuża

59 — Ara s-sentenzi tat-8 ta' Lulju 1999, Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni (C-49/92 P, Ġabra p. I-4125, punt 212) u, Hüls vs Il-Kummissjoni (C-199/92 P, Ġabra p. I-4287, punt 134).

60 — Konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Salzgitter vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 143.

lill-Qorti tal-Prim'Istanza li injorat, billi sostniet li l-imsemmija dispożizzjoni mhijiex intenzjonata għall-protezzjoni ta' l-individwi, il-prinċipji li jirriżultaw mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, Il-Kummissjoni vs BASF *et*[61], li minnha jirriżulta li r-regoli tal-proċedura li jinsabu f'Regolament Intern jikkostitwixxu formalitajiet sostanzjali li l-inosservanza tagħhom tista' tiġi sollevata minn individwi li jkollhom interess dirett fid-deċiżjoni.

112. Min-naħa tiegħi, nosserva qabel kollox li, għalkemm fil-punt 77 tas-sentenza appellata jingħad li "l-membri tal-grupp ta' esperti kellhom tlettax-il jum (mis-6 sat-18 ta' Novembru 2002) sabiex isiru jafu bit-tweġiba tar-rikorrenti", il-Qorti tal-Prim'Istanza m'għamlithiex ċara jekk b'dan hija riditx tfisser li t-termini stabbiliti taħt l-Artikolu 4 (1) tar-Regolament Intern tal-KKD ġewx rispettati xorta waħda. Barra minn hekk, ma nifhimx kif din il-konstatazzjoni tista' tiġi rrikonċiljata mad-data li fiha, skond is-sentenza appellata, saret il-laqgħa tal-grupp ta' esperti, jiġifieri t-12 ta' Novembru 2002[62].

113. Madankollu, mhuwiex meħtieġ li jiġi vverifikat jekk it-termini previsti fid-dispożizzjoni msemmija iktar 'il fuq ġewx rispettati f'dan il-każ (u x'kienet id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza f'dan ir-rigward), peress li, billi eskludiet il-ksur ta' l-Artikolu 4 (1) tar-regolament imsemmi iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat fuq l-impossibbiltà li din id-dispożizzjoni tiġi invokata minn individwi.

114. Jiena naqbel mal-Kummissjoni li din is-soluzzjoni hija ġuridikament korretta. Biex tikkontestaha, l-appellanti tinvoka s-sentenza Il-Kummissjoni vs BASF *et*, iċċitata iktar 'il fuq, li minnha, madankollu, ma jirriżulta b'ebda mod li l-ksur ta' kwalunkwe forma proċedurali sostanzjali stabbilita f'Regolament Intern ta' istituzzjoni jew kumitat iwassal għall-illegittimità tad-deċiżjoni kkontestata, li tista' tiġi invokata f'kawża minn individwi. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddikjarat li l-awtentikazzjoni ta' l-atti, prevista mill-Artikolu 12(1) tar-Regolament Intern tal-Kummissjoni hija formalità li l-ksur tagħha jista' jiġġustifika rikors għal annullament minn individwi, *in kwantu l-iskop tagħha huwa li tiggarantixxi ċ-ċertezza legali* billi tiffissa, fil-lingwi awtentiċi, it-test adottat mill-Kulleġġ u b'hekk tippermetti li tiġi vverifikata, fil-każ ta' kontestazzjoni, il-korrispondenza perfetta tat-testi nnotifikati u ppubblikati ma' dak it-test[63].

115. Għaldaqstant kien fir-rigward tan-natura u l-iskop tal-formalità li ma ġietx rispettata li l-Qorti tal-Ġustizzja vverifikat, fis-sentenza appellata, jekk dik il-formalità kinitx forma proċedurali sostanzjali fis-sens

61 — Sentenza tal-15 ta' Ġunju 1994 (C-137/92 P, Ġabra p. I-2555).

62 — Sentenza appellata, punti 27, 37, 44 u 98.

63 — Sentenza Il-Kummissjoni vs BASF *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punti 75 u 76.

ta' l-Artikolu 230 KE u jekk l-individwi setgħux jinvokaw il-ksur fil-kuntest ta' rikors għal annullament.

116. Il-Qorti tal-Prim'Istanza, fis-sentenza appellata, osservat li l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Intern tal-KKD huwa intenzjonat li jiżgura l-funzjonament intern ta' l-imsemmi kumitat b'ħarsien sħiħ tal-prerogattivi tal-membri tiegħu u li b'hekk mhuwiex intenzjonat għall-protezzjoni ta' l-individwi. L-appellanti, fl-appell tagħha, ma tissolleva ebda argument li jikkontesta dan il-punt, ħlief għal affermazzjoni ġenerali ta' l-"importanza partikolari" tal-ħarsien tar-regoli dwar il-konsultazzjoni tal-kumitat jew il-premessa infondata li kull regola ta' proċedura tikkostitwixxi forma proċedurali sostanzjali. Il-pożizzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza barra minn hekk hija konformi mar-regola — *li għandha tiġi kkunsidrata bħala prinċipju* u li mingħajr dubju hija applikabbli b'analoġija għall-każ ta' kumitat bħall-Kumitat tal-Kodiċi Doganali — stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Nakajima vs Il-Kunsill [64], skond liema, peress li "ir-Regolament Intern ta' istituzzjoni Komunitarja huwa intenzjonat sabiex jorganizza l-funzjonament intern fl-interess ta' amministrazzjoni tajba", "[i]d-dispożizzjonijiet li jinsabu fih [...] għandhom [...] essenzjalment il-kompitu li jiggarantixxu l-iżvolġiment tajjeb tad-diskuzzjonijiet, b'ħarsien sħiħ tal-prerogattivi ta' kull wieħed mill-membri ta' l-istituzzjoni" u "mhumiex intenzjonati għall-protezzjoni ta' l-individwi".

64 — Sentenza tas-7 ta' Mejju 1991, (C-69/89, Ġabra p. I-2069, punti 49 u 50), li l-Qorti tal-Prim'Istanza tirreferi espressament għaliha fil-punt 79 tas-sentenza appellata.

117. It-termini ffissati mill-Artikolu 4(1) tar-Regolament Intern tal-KKD huma evidentement intenzjonati biex jagħtu lill-membri tal-kumitat żmien biżżejjed biex jeżaminaw il-fajls sottoposti lilhom. Fil-fehma tiegħi, huma biss l-Istati Membri, li huma rappreżentati fi ħdan il-Kumitat, li jistgħu jevalwaw jekk żmien inqas minn dak stabbilit fid-dispożizzjoni, imsemmija iktar 'il fuq, kienx madankollu biżżejjed sabiex jippermetti eżaminazzjoni adegwata, min-naħa tar-rappreżentanti tagħhom fi ħdan il-Kumitat, tal-fajl li dwaru dawn ta' l-aħħar ġew mitluba jesprimu l-pożizzjoni tagħhom.

118. Għaldaqstant, nikkunsidra li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet korretta meta eskludiet li l-appellanti tista' tinvoka l-ksur talforma proċedurali sostanzjali, imsemmija iktar 'il fuq.

119. Għaldaqstant, anki t-tielet parti ta' dan l-aggravju għandha, fil-fehma tiegħi, tiġi miċħuda.

Fuq l-allegazzjoni ta' applikazzjoni żbaljata ta' l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali

120. L-appellanti ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkommettiet żbalji ta' dritt meta kkunsidrat li f'dan il-każ ma kinitx sodisfatta l-kundizzjoni ta' nuqqas ta' negliġenza evidenti skond l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali.

121. Permezz ta' l-ewwel parti ta' l-aggravju, l-appellanti tikkritika lill-Qorti tal-Prim'Istanza għaliex interpretat it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 1(3) tar-Regolament Nru 3319/94 b'mod żbaljat u għaliex konsegwentement ikkonkludiet li dan ma kienx jippreżenta diffikultajiet rilevanti ta' interpretazzjoni.

122. Fil-qofol, l-appellanti tafferma li, għall-kuntrarju ta' dak li qalet il-Qorti tal-Prim'Istanza u kif jirriżulta mid-disgħa u tletin premessa tar-Regolament imsemmi iktar 'il fuq [65], id-dispożizzjoni in kwistjoni ma timponix l-applikazzjoni ta' dazju speċifiku għall-każijiet kollha ta' fatturazzjoni indiretta minħabba r-riskju ta' evażjoni tal-miżuri kontra d-dumping li din tinvolvi, iżda għall-każijiet biss fejn jiġi stabbilit li kien hemm evażjoni.

123. Hija ssostni li l-interpretazzjoni żbaljata min-naħa tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 1(3) tar-Regolament Nru 3319/94 turi barra minn hekk li, għall-kuntrarju ta' dak li ġie kkonstatat fis-sentenza appellata, l-interpretazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni kienet waħda diffiċli.

124. Bħall-Kummissjoni, jiena nemmen li dawn l-argumenti ma jistgħux jiġu milqugħa.

125. Qabel kollox, għandu jiġi ppreċiżat li l-allegat żball ta' interpretazzjoni tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 1(3) tar-Regolament Nru 3319/94 ma jistax jiġi kkunsidrat bħala lment awtonomu — u dan għar-raġunijiet imsemmija fil-punti 45 sa 50 iktar 'il fuq —, iżda biss bħala argument li jsostni l-ilment kontra l-evalwazzjoni li saret mill-Qorti tal-Prim'Istanza fir-rigward tal-grad ta' kumplessità tad-dispożizzjoni. Dan ta' l-aħħar huwa wieħed mill-fatturi li, skond il-ġurisprudenza, huwa rilevanti għall-finijiet tal-verifika tal-kundizzjoni tan-nuqqas ta' negliġenza evidenti fis-sens ta' l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali [66].

126. Madankollu, jiena tal-fehma li dan l-ilment huwa inammissibbli, peress li d-deċiżjoni dwar il-kumplessità ta' dispożizzjoni għandha tiġi analizzata fuq il-bażi ta'

65 — Din il-premessa tindika b'mod partikolari li "[...] huwa meħtieġ li jiġi stabbilit dazju varjabbli, fuq livell li jippermetti lill-industrija Komunitarja żżid il-prezzijiet sa livell li jħalli l-qliegħ għall-importazzjonijiet fatturati direttament mill-produtturi Bulgari jew Pollakki jew minn partijiet li jkunu esportaw il-prodott ikkonċernat matul il-perijodu ta' investigazzjoni", kif ukoll li "jiġi stabbilit dazju speċifiku fuq l-istess bażi għall-importazzjonijiet l-oħrajn kollha, bil-għan li tiġi evitata evażjoni tal-miżuri kontra d-dumping" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

66 — Sentenzi tal-11 ta' Novembru 1999, Söhl & Söhlke (C-48/98, Ġabra p. I-7877, punt 56) u tat-13 ta' Marzu 2003, L-Olanda vs Il-Kummissjoni (C-156/00, Ġabra p. I-2527, punti 92 sa 95).

evalwazzjoni tal-fatti, li mhijiex suġġetta għal stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell kontra sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza [67].

127. Għandu jingħad ukoll li, fi kwalunkwe każ, dan l-ilment huwa wkoll manifestament infondat. Dan fil-fatt huwa bbażat unikament fuq il-kritika ta' l-interpretazzjoni tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 1(3) tar-Regolament Nru 3319/94 mill-Qorti tal-Prim'Istanza, interpretazzjoni li fil-fehma tiegħi hija assolutament korretta. Fil-fatt huwa perfettament ċar, minn qari tad-dispożizzjoni — anki meta wieħed iqis id-disgħa u tletin premessa invokata mill-appellanti — li l-applikazzjoni tad-dazju speċifiku stabbilit minnha jippresupponi l-eżistenza ta' sitwazzjoni ta' fatturazzjoni indiretta u mhux li jintwera li din il-fatturazzjoni kellha l-iskop jew l-effett li jiġi evaż id-dazju varjabbli stabbilit taħt il-paragrafu preċedenti. Għaldaqstant, l-appellanti b'ebda mod ma turi li, għall-kuntrarju ta' dak li ġie ddikjarat fis-sentenza appellata, it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 1(3) tar-Regolament Nru 3319/94 huwa diffiċli biex jiġi interpretat.

128. Permezz tat-tieni parti ta' dan l-aggravju, l-appellanti tafferma, minn naħa, li s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, skond liema l-appellant ma setgħetx teżonera ruħha mir-responsabbiltà tagħha meta invokat l-iżball, veru jew preżunt, ta' l-aġenti tagħha, tmur kontra l-ġurisprudenza Komunitarja, li tirrikonoxxi r-responsabbiltà professjonali ta' l-aġenti tad-dwana; min-naħa l-oħra, hija tikkontesta l-konferma, min-naħa tal-Qorti tal-Prim'Istanza, ta' l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni skond liema l-appellanti kellha l-esperjenza professjonali meħtieġa.

129. Ir-rilevanza jew le, fil-kuntest ta' l-evalwazzjoni tan-nuqqas ta' negliġenza evidenti fis-sens ta' l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali, ta' l-iżball ta' l-aġenti tad-dwana hija kwistjoni ta' dritt li, bħala tali, tista' tiġi ssollevata fl-istadju ta' l-appell.

130. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-appellanti limitat ruħha għall-argument li f'żewġ kawżi — is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Van Gend & Loos vs Il-Kummissjoni [68] u s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza Mehibas Dordtselaan vs Il-Kummissjoni [69] —, ġie kkonfermat li "l-aġent tad-dwana, minħabba n-natura stess tal-funzjo-

67 — Fil-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fil-11 ta' Jannar 2007 fil-Kawża Holcim (Il-Ġermanja) vs Il-Kummissjoni (C-282/05, li għadhom ma ġewx ippubblikati fil-Ġabra, punt 65) ippreżentajt kunsiderazzjoni simili b'referenza għall-evalwazzjoni tad-diffikultà ta' applikazzjoni jew interpretazzjoni ta' testi regolatorji rilevanti fil-kuntest ta' stħarriġ bil-għan li jiġi stabbilit, għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità bis-saħħa tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 288 KE, jekk ksur tad-dritt Komunitarju minn istituzzjoni huwiex suffiċjentement serju jew le. Madankollu, għandu jiġi indikat li l-Qorti tal-Ġustizzja adottat raġunament differenti fis-sentenza tat-3 ta' Marzu 2005, Biegi u Commonfood vs Il-Kummissjoni (C-499/03 P, Ġabra p. I-1751, ara b'mod partikolari l-punti 42 sa 44 u 49 sa 55), fir-rigward ta' l-evalwazzjoni tal-kumplessità tad-dispożizzjonijiet doganali rilevanti fil-kuntest tal-verifika, imwettqa għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 220(2)(b) tal-Kodiċi Doganali, dwar jekk debitur *in bona fede* jistax jissolleva żball kommess mill-awtoritajiet doganali kompetenti.

68 — Sentenza tat-13 ta' Novembru 1984 (98/83 u 230/83, Ġabra p. 3763, punt 16).

69 — Sentenza tat-18 ta' Jannar 2000 (T-290/97, Ġabra p. II-15, punt 83).

nijiet tiegħu, huwa responsabbli kemm għall-ħlas tad-dazji fuq l-importazzjoni kif ukoll għar-regolarità tad-dokumenti li huwa jippreżenta lill-awtoritajiet doganali".

131. Iżda qabel kollox, ir-rilevanza ta' din il-ġurisprudenza hija dubjuża fil-fehma tiegħi, peress li f'dan il-każ il-ħlas tad-dazju in kwistjoni ntalab mill-awtoritajiet doganali Franċiżi mingħand l-appellanti u mhux mingħand l-aġenti tad-dwana tagħha. F'dan ir-rigward għandu jingħad, kif jirriżulta mir-rikostruzzjoni tal-fatti li saret fis-sentenza appellata li l-aġenti tad-dwana ta' l-appellanti wettqu l-operazzjoni ta' rilaxx mid-dwana *mhux* f'*isimhom, iżda* f'*isem Agro Baltic u l-appellanti*[70]. Min-naħa l-oħra, mill-punt 5 tas-sentenza Van Gend & Loos vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, jirriżulta li l-aġent doganali, li kien rikorrent f'dik il-kawża, kien iddikjara l-merkanzija għaċ-ċirkulazzjoni libera f'*ismu* u f'isem ħaddieħor[71] u għaldaqstant il-Kummissjoni kkunsidrat li l-imsemmi aġent kien assuma l-obbligu li jħallas id-dazji fuq l-importazzjoni li għalihom setgħet kienet suġġetta l-merkanzija[72].

132. Madankollu, anki fil-każ li r-responsabbiltà ta' l-aġent doganali għall-ħlas tad-dazji fuq l-importazzjoni u għar-regolarità tad-dokumenti ppreżentati lill-awtoritajiet doganali teżisti wkoll meta d-dikjarazzjonijiet doganali jitwettqu mill-aġent doganali, mhux f'ismu iżda f'isem l-importatur, dan ma jkollux neċessarjament l-effett li jeżonera lil dan ta' l-aħħar minn din ir-responsabbiltà. Fil-fatt hija r-responsabbiltà ta' l-appellanti li ġiet sollevata mill-awtoritajiet doganali Franċiżi. L-appellanti f'din il-kawża bl-ebda mod ma affermat jew tat x'tifhem li l-awtoritajiet doganali Franċiżi kellhom jitolbu l-ħlas tad-dazju speċifiku ta' kontra d-dumping mingħand l-aġenti tad-dwana tagħha. Min-naħa l-oħra, dan l-argument seta' ġie ssollevat fil-kuntest ta' kawża quddiem il-qrati nazzjonali kontra d-deċiżjonijiet ta' l-awtoritajiet imsemmija iktar 'il fuq li japplikaw d-dazju msemmi għall-appellanti.

133. Peress li l-appellanti ma tressaq ebda argument ieħor, minbarra s-sempliċi referenza għall-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 130 iktar 'il fuq, biex tikkontesta l-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza li hija ma setgħetx teżonera ruħha mir-responsabbiltajiet tagħha billi tinvoka l-iżball, veru jew preżunt, ta' l-aġenti tagħha, is-sentenza appellata ma tistax tiġi invalidata fuq dan il-punt.

134. Bħala argument ulterjuri favur din il-konklużjoni, għandu jiġi indikat, minkejja li dan ma sarx fis-sentenza appellata, li t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 905(1) tar-Regola-

70 — Din hija ipoteżi ta' rappreżentanza diretta skond l-Artikolu 5 (2) tal-Kodiċi Doganali.

71 — Din hija f'ipoteżi ta' rappreżentanza indiretta skond l-Artikolu 5(2) tal-Kodiċi Doganali.

72 — Min-naħa l-oħra mis-sentenza Mehibas Dordtselaan vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, ma jirriżultax jekk l-aġent doganali, fil-kawża li tat lok għal din l-istess sentenza, kienx għamel id-dikjarazzjonijiet doganali f'ismu u f'ta'isem l-importatur, jew f'isem dan ta' l-aħħar. Madankollu, jibqa' l-fatt li l-awtoritajiet doganali Olandiżi kienu talbu lill-aġent doganali u mhux lill-importatur il-ħlas ta' l-imposti agrikoli supplimentari li l-aġent stess kien qed jitlob ir-rimbors tagħhom skond l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1430/79.

ment ta' Applikazzjoni jindika li t-terminu "persuna interessata", jiġifieri l-persuna li fil-konfront tagħha, skond l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali u l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 905(1) tar-Regolament ta' Applikazzjoni, għandu jiġi evalwat jekk kienx hemm qerq jew negliġenza evidenti, "għandu jinftiehem fis-sens ta' l-Artikolu 899" ta' l-istess Regolament. F'dan ir-rigward, l-imsemmi Artikolu jippreċiża li "persuna interessata għandha tfisser il-persuna jew persuni msemmija fl-Artikolu 878(1) [jiġifieri l-persuna li tkun ħallset jew li jkollha tħallas dawk id-dazji, jew il-persuna li tissuċċediha fid-drittijiet u l-obbligi tagħha] jew ir-rappreżentanti tagħhom, u xi persuna oħra involuta mat-twettiq tal-formalitajiet doganali li għandhom x'jaqsmu mal-merkanzija in kwistjoni jew li tat l-istruzzjonijiet meħtieġa għat-twettiq ta' l-istess formalitajiet". Jidher biċ-ċar li l-grupp ta' dawn il-persuni jinkludi wkoll l-aġenti tad-dwana li f'dan il-każ wettqu l-formalitajiet doganali għall-appellanti. Għaldaqstant, jekk wieħed jassumi, kif issostni l-appellanti, li l-impożizzjoni tad-dazju kienet dovuta għal żbalji mwettqa mill-aġenti tad-dwana tagħha fit-twettiq ta' dawn il-formalitajiet, in-negliġenza evidenti ta' dawn ta' l-aħħar xorta waħda teskludi d-dritt għar-remissjoni mitluba mill-appellanti.

135. Fir-rigward ta' l-esperjenza professjonali meħtieġa, l-appellanti tafferma li hija operatriċi ekonomika esperta f'operazzjonijiet ta' importazzjoni u esportazzjoni ta' soluzzjonijiet nitroġeniċi, iżda li mhijiex speċjalizzata fil-proċeduri tar-rilaxx ta' din il-merkanzija mid-dwana fi Franza.

136. Anki dan l-ilment huwa ammissibbli fl-istadju ta' l-appell in kwantu jissolleva, essenzjalment, il-punt ta' dritt relatat ma' l-ambitu ta' attività li fir-rigward tiegħu għandu jiġi evalwat il-livell ta' esperjenza professjonali ta' l-operatur li jitlob ir-remissjoni ta' dazji taħt l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali.

137. Fil-fehma tiegħi, huwa evidenti li dan l-ambitu ma jistax ikun dak ta' l-operazzjonijiet ta' rilaxx mid-dwana nnifishom; kieku kien hekk il-kundizzjoni dwar l-esperjenza professjonali ta' l-operatur — meħtieġa, *inter alia,* biex jiġi evalwat jekk kienx hemm negliġenza evidenti fis-sens ta' l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali [73] — tkun awtomatikament sodisfatta minn kwalunkwe importatur li ma jkunx aġent doganali.

138. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza ġustament u b'mod konformi mal-prinċipji

73 — Ara l-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna nru 66, iktar 'il fuq.

stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Söhl & Sölke [74], sostniet li għandu jiġi vverifikat jekk huwiex operatur ekonomiku, li l-attivitajiet professjonali tiegħu jikkonsistu, essenzjalment, f'operazzjonijiet ta' importazzjoni u esportazzjoni u jekk kienx diġà akkwista ċerta esperjenza fit-twettiq ta' dawn l-operazzjonijiet.

139. Għaldaqstant jidhirli li l-ilment eżaminat huwa infondat.

140. Permezz tat-tielet parti ta' dan l-aggravju, l-appellanti tikkritika lill-Qorti tal-Prim'Istanza talli kkunsidrat li l-aġir tagħha fl-iżvolġiment ta' l-operazzjonijiet in kwistjoni ma setax jitqies bħala diliġenti biżżejjed.

141. Il-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq evalwazzjoni globali ta' l-aġir ta' l-appellanti, billi kkunsidrat, b'mod partikolari, minn naħa, il-fatt li l-appellanti — minkejja li allegat in-nuqqas ta' esperjenza tagħha f'operazzjonijiet ta' rilaxx mid-dwana tal-prodotti in kwistjoni, kif ukoll diffikultajiet inerenti fl-applikazzjoni tar-Regolament Nru 3319/94 — mhux talli ma kinitx talbet parir mingħand l-aġenti tad-dwana tagħha, iżda saħansitra tathom istruzzjonijiet ferm preċiżi, u, min-naħa l-oħra, l-iżbalji mwettqa mill-appellanti fit-tlestija tal-fatturi tagħha [75].

142. Fir-rigward ta' l-ewwel aspett, l-appellanti tafferma li, għall-kuntrarju ta' dak li qalet il-Qorti tal-Prim'Istanza, hija fir-realtà talbet kjarifiki dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi Regolament.

143. Madankollu, il-konklużjonijiet ifformulati mill-appellanti ma jagħtu prova ta' ebda distorsjoni tal-fatti jew ta' l-elementi ta' prova rilevanti min-naħa tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Fil-fatt, l-appellanti tillimita ruħha għall-argument li, permezz ta' ittra tas-7 ta' Marzu 2000, hija kienet staqsiet lill-awtoritajiet doganali Franċiżi jekk il-mod kif hija kellha l-intenzjoni li twettaq l-operazzjonijiet ta' rilaxx mid-dwana, li kienu għal kollox simili għal dawk li kienet wettqet fl-1997, kienx joħloq sitwazzjoni ta' fatturazzjoni diretta jew indiretta fis-sens tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 1(3) tar-Regolament Nru 3319/94.

144. Madankollu, hija l-istess appellanti li tfakkar li l-operazzjonijiet li taw lok għal din il-kawża kienu diġà twettqu fl-1997. B'hekk, it-talba għal kjarifika li ġiet indirizzata mill-appellanti lill-awtoritajiet doganali Franċiżi saret ħafna żmien wara t-twettiq ta' dawk l-operazzjonijiet u saħansitra wara li ġew abbozzati l-proċessi verbali ta' konstatazzjoni

74 — Iċċitata iktar 'il fuq, punt 57.

75 — Sentenza appellata, punti 143 u 144.

ta' l-evażjoni tad-dazji dovuti [76] u wara li ntbagħtu t-talbiet għar-remissjoni min-naħa ta' l-appellanti [77].

145. Għaldaqstant, il-fatt allegat mill-appellanti huwa għal kollox irrilevanti għall-finijiet tal-verifika tad-diliġenza li hija eżerċitat fit-twettiq ta' l-operazzjonijiet li huma s-suġġett ta' din il-kawża.

146. Fir-rigward ta' l-iżbalji ta' fatturazzjoni, l-appellanti takkuża lill-Qorti tal-Prim'Istanza li tat x'tifhem, fl-evokazzjoni ġenerali ta' dawn l-iżbalji, li dawn kienu numerużi, iżda dan ma jikkorrispondix għar-realtà tal-fatti. F'dan ir-rigward hija tippreċiża li kien hemm biss żewġ żbalji minn total ta' erba' operazzjonijiet ta' rilaxx mid-dwana li kull waħda minnhom kienet tinkludi tliet tranżazzjonijiet differenti u li dawn l-iżbalji jirrigwardaw l-uniku fajl li kien is-suġġett tal-kawża T-134/03.

147. F'dan ir-rigward nosserva li l-Qorti tal-Prim'Istanza b'ebda mod ma indikat jew tat x'tifhem li l-iżbalji ta' fatturazzjoni rilevati kienu numerużi. Hija fil-fatt affermat biss, fil-punt 144 tas-sentenza appellata, li "l-iżbalji tar-rikorrenti fit-tlestija tal-fatturi tagħha wkoll huma indikazzjoni ta' nuqqas ta' diliġenza min-naħa tagħha".

148. Għaldaqstant, l-appellanti ma wrietx li fir-rigward ta' dan il-punt il-Qorti tal-Prim'Istanza żnaturat il-fatti jew l-elementi ta' prova relatati magħhom. Fir-rigward tar-rilevanza li l-Qorti tal-Prim'Istanza setgħet tagħti lill-iżbalji ta' fatturazzjoni in kwistjoni, li l-eżistenza tagħhom hija ammessa mill-istess appellanti anki fl-istadju ta' l-appell, għandu jiġi osservat li din taqa' taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza li tevalwa l-fatti, u b'hekk ma tistax tiġi eżaminata mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-istadju ta' l-appell.

149. Għaldaqstant, il-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq iwasslu għall-konklużjoni li l-appellanti ma tatx prova ta' l-eżistenza ta' difetti li jinvalidaw il-konstatazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza li l-Kummissjoni m'għamlet ebda żball manifest ta' evalwazzjoni meta, fid-deċiżjonijiet ikkontestati, hija kkunsidrat li ma kinitx sodisfatta l-kundizzjoni ta' nuqqas ta' negliġenza evidenti min-naħa ta' l-appellanti.

150. Għaldaqstant, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad ukoll dan l-aggravju ta' l-appell.

76 — Li seħħet, skond is-sentenza appellata (punt 24), fit-13 ta' Novembru 1997 għall-operazzjonijiet li huma s-suġġett tal-Kawża T-135/03 u fl-4 ta' Diċembru 1998 għall-operazzjonijiet li huma s-suġġett tal-Kawża T-134/03.

77 — Li seħħ, skond is-sentenza appellata (punt 25), f'Novembru u f'Diċembru ta' l-1999.

Fuq l-ispejjeż

Regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba.

151. Skond l-Artikolu 122(1) tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell jiġi miċħud, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skond l-Artikolu 69(2) ta' l-istess

152. Għaldaqstant nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u tordna lill-appellanti tbati l-ispejjeż, skond kif mitlub mill-Kummissjoni.

Konklużjoni

153. Fuq il-bażi ta' dak li ntqal preċedentement, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li:

"L-appell huwa miċħud.

Common Market Fertilizers SA hija kkundannata tbati l-ispejjeż."